Vol 33
Nru 175
Jannar - Marzu 2012

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



L-ART IMQADDSA

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta.
Tel: 2124 2254

DISINN U STAMPAR:
Best Print Co. Ltd

Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista
huwa Copyright ©
tal-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa u l-Edizzjoni
TAU, 2012

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Qoxra Quddiem:
*Il-Kosta tal-Baħar il-Mejjet*

# Werrej



14



18



22

30




6 Il-Baħar il-Mejjet qiegħed Imut?

14 Messaġġiera ta' Alla

18 Il-Knisja bħala l-Ġisem ta' Kristu

22 Kif Kristu sar il-Qassis il-Kbir (1)

26 Kelmiet Alla fil-ħolqien fl-Eżortazzjoni Apostolika *Verbum Domini*

30 Il-Lhud fl-Evanġelju skont San Mattew (1)

36 L-Ewkaristija: L-għajn tal-Ministeri fil-Komunità mill-ġrajja ta' Għemmaws

42 Il-Vanġeli moħbija imsejħin Aprokrifi




36

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



## Israel u l-Vatikan. F'hiex wasalna?

Fl-1 ta' Diċembru 2011 saret il-laqgħa plenarja tal-*Bilateral Permanent Working Commission* bejn l-Istat ta' Israel u l-Vatikan fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin Israeljan. Din il-laqgħa saret wara l-progress li ġie rreġistrat fil-laqgħa tal-Kummissjoni li kienet saret fil-Vatikan fl-14 ta' Ġunju 2011, u li ddiskutiet l-artiklu 10, paragrafu 2 tal-*Fundamental Agreement* rigward proprjetà, tassazzjoni u ekonomija f'dak li jmiss il-preżenza tal-Knisja Kattolika fl-Istat ta' Israel. In-negozjati min-naħa tal-Knisja Kattolika huma mmexxija minn Monsinjur Antonio Franco, Nunzju Apostoliku għal Israel u Delegat Apostoliku għal Ġerusalemm.

Fil-komunikat uffiċjali li ġie ppubblikat fi tmiem il-laqgħa tal-14 ta' Ġunju ntqal li "In-negozjati saru f'atmosfera miftuħa, kordjali u kostruttiva, u li sar progress sinifikanti. Il-partijiet qablu dwar il-passi li jridu jieħdu flimkien biex jikkonkludu l-Ftehim."

Dawn in-negozjati ilhom sejrin sa minn meta seħħ il-*Fundamental Agreement* bejn l-Istat ta' Israel u s-Santa Sede fl-1993. Ir-riżultat immedjat tal-Ftehim kien jikkonsisti fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet bejn il-Vatikan u l-Istat ta' Israel, bl-istituzzjoni ta' Ambaxxaturi bejniethom. Imbagħad il-Ftehim jitkellem dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn Kattoliċi u Lhud f'diversi oqsma. Fl-aħħarnett il-Ftehim kellu l-iskop li jwassal għal relazzjonijiet normalizzati bejn il-Knisja Kattolika u l-Istat ta' Israel, f'dak li għandu





*...editorjal*

## *Israel u l-Vatikan. F'hiex wasalna?*

x'jaqsam mal-libertà tal-kult, il-proprjetà tal-Knisja f'Israel, l-obbligi u d-drittijiet li l-Knisja Kattolika għandu jkollha garantiti mill-Istat ta' Israel. Dan l-aħħar element, li jinteressa l-preżenza u l-ħidma tal-Knisja Kattolika f'Israel, għadu jiġi diskuss sal-lum. Fil-laqgħa ta' Diċembru jidher li ż-żewġ partijiet waslu qrib ħafna għall-Ftehim finali, għalkemm għad fadal xi intoppi li jridu jiġu megħluba.

Forsi ta' min jgħid ukoll li, sakemm dan il-Ftehim ma jiġix iffinalizzat miż-żewġ naħat, għadu ma jorbotx għal kollox, tant li l-Knesset, il-Parlament Israeljan, għadu qatt ma irratifika l-*Fundamental Agreement* tal-1993. Huwa ttamat li, jekk in-negozjati jaslu għal konklużjoni b'suċċess, l-*istatus* tal-Knisja Kattolika f'Israel jiġi definit b'mod ċar.

Sa issa Israel akkwista ħafna min-negozjati. Akkwista rikonoxximent mill-Vatikan tad-dritt tiegħu li jeżisti bħala Stat sovran fil-fruntieri stabiliti mill-Ġnus Magħquda fl-1948, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Palestinjani li jkollhom l-Istat sovran tagħhom fit-territorji li

l-komunità internazzjonali tirrikonoxxilhom bħala sovrani. Il-Vatikan għadu ma akkwista xejn fuq il-pjan prattiku, għalkemm jekk in-negozjati jiġu konklużi b'mod sodisfaċenti l-Knisja Kattolika takkwista rikonoxximent uffiċjali fl-Istat ta' Israel.

X'inhuma l-intoppi li għad hemm biex dan il-Ftehim jiġi ffinalizzat? Il-Ftehim jipprevedi li l-Knisja Kattolika, jekk trid li jiġi rrikonoxxut id-dritt fundamentali tagħha li jkollha proprjetà fl-Istat ta' Israel, trid tkun lesta li taċċetta r-regoli ta' tassazzjoni viġenti fl-istess Stat. Il-Vatikan jaqbel dwar dan, imma jsostni li l-Knisja hi preżenti f'Israel bħala entità li ma tagħmilx profitt u li għaldaqstant is-Santwarji tal-Fidwa, il-knejjes u l-kunventi li tamministra għandhom ikunu eżenti mit-tassazzjoni. Jidher li l-Gvern Israeljan hu lest li jammetti eżenzjonijiet partikulari in vista tal-importanza mondjali tal-Postijiet Qaddisa u tal-missjoni li l-Knisja Kattolika taqdi.

Problema taħraq li għad trid issib soluzzjoni tirrigwarda wkoll il-kwestjoni taċ-Ċenaklu, li mill-1551 ittieħed minn idejn il-Knisja Kattolika, l-ewwelnett bħala post ivvenerat mill-Musulmani, u mbagħad mil-Lhud meta fl-1948 twieled l-Istat ta' Israel. Il-Knisja Kattolika tirrivendika l-proprjetà taċ-Ċenaklu fejn il-Patrijiet Franġiskani marru joqogħdu fl-1333 wara li dan il-post inxtara mir-Re Roberto d'Anjou u r-Reġina Sancia ta' Majorca, sovrani ta' Napli, li bnew il-kunventin li l-kjostru tiegħu għadu jidher sal-lum. Fil-21 ta' Novembru 1342 il-Papa Klement VI iddikjara l-Franġiskani bħala Kustodji tal-Art Imqaddsa u l-Gwardjan taċ-Ċenaklu, jew tal-kunvent tal-Għolja ta' Sijon, bħala l-Kustodju tal-Art Imqaddsa. Dan id-dritt il-Franġiskani baqgħu jiddefenduh wara li tkeċċew miċ-Ċenaklu mill-awtorijiet Torok Ottomani u kellhom jitrasferixxu s-sede tal-Kustodja fil-kunvent ta' San Salvatur f'Ġerusalemm. Sal-lum il-Franġiskani għadhom isostnu li, f'isem il-Knisja Kattolika, huma jirrivendikaw id-dritt tal-proprjetà u l-użu esklużiv taċ-Ċenaklu, b'mod partikulari s-sala tal-Aħħar Ċena u s-sala tal-inżul tal-Ispirtu s-Santu, imma wkoll is-sala li fiha l-Lhud iqimu ċ-ċenotafju b'tifkira tar-Re David u l-ambjenti kollha annessi fejn il-patrijiet kellhom l-ewwel kunvent tagħhom. Illum dawn l-ambjenti huma meħudin minn Yeshiva, jew skola rabbinka.

Hu ttamat li fi żmien qasir tinstab soluzzjoni sodisfaċenti dwar dawn il-kwestjonijiet kollha bejn il-partijiet involuti, li tkun fl-interess tagħhom ilkoll. Il-kwestjoni tal-proprjetà tal-Knisja fl-Art Imqaddsa hi importanti, għax tfisser l-istess eżistenza u libertà ta' azzjoni tagħha li trid tiġi ggarantita. Jekk dan il-prinċipju jgħodd fil-każ tal-Istat ta' Israel, li mal-Vatikan qed jagħmel sforzi ta' min ifaħħarhom biex jinstab ftehim permanenti, hu wkoll importanti li l-istess prinċipju jiġi applikat fir-relazzjonijiet bejn il-Vatikan u l-Awtorità Palestinjana li tamministra t-territorji fejn il-Knisja Kattolika wkoll għandha Santwarji importanti, bħalma hu l-każ tal-Bażilika tan-Natività u Santwarji oħrajn f'Betleħem.

Jidher li r-rieda tajba ma tonqosx miż-żewġ naħat u li soluzzjoni dejjiema tista' sseħħ fil-ġejjieni qrib. Dan ikun ta' ġid mhux biss għall-missjoni tal-Knisja Kattolika f'Israel imma wkoll għall-ekonomija stess tal-Istat ta' Israel, li jaf li eluf kbar ta' pellegrini Kristjani jżuru Israel ta' kull sena, flimkien ma' eluf oħrajn ta' turisti li jiġu wkoll biex jaraw is-Santwarji tal-Fidwa.



# IL-BAĦAR IL-MEJJET QIEGĦED IMUT?

***Noel Muscat ofm***

Il-Baħar il-Mejjet, bil-Lhudi “Yam Ha-Melah” (Baħar il-Mielaħ) u bl-Għarbi “Bahar al-Mayyit” (Baħar il-Mejjet) jew Bahar Lut (Baħar ta’ Lot), jinsab fl-aktar post baxx fil-krosta tal-pjaneta, 417-il metru taħt il-livell tal-baħar. Hu fond 377 metru. Hekk din l-għadira kbira ta’ ilma mielaħ hi l-aktar post baxx li jeżisti fid-dinja. Is-salinità tal-Baħar il-Mejjet hi

l-aktar waħda għolja fid-dinja, u tasal sa 33.7% ta' melħ. Il-Baħar il-Mejjet hu 67 kilometru twil u 18-il kilometru fl-aktar estensjoni wiesgħa tiegħu. Jinsab fil-ħondoq tal-Ġordan, li hu wied kbir li jofroq żewġ plakki tektonici kbar, dik Afrikana fuq il-punent u dik Arabika fuq il-lvant. Dan il-fenomenu ġeoloġiku hu evidenti meta wieħed iħares fuq iż-żewġ naħat tal-Baħar il-Mejjet. Fuq in-naħa Israeljana wieħed jara l-muntanji aridi tad-deżert tal-Lhudija li jixirfu fuq il-Baħar il-Mejjet, filwaqt li fuq in-naħa Ġordana wieħed jilmaħ il-muntanji ta' Mowab, aktar għoljin imma aktar għammiela, li jwassluk fuq l-altipjan kbir Arabiku li jestendi lejn is-Sirja, l-Iraq u l-Għarabja Sawdita. Din hi r-raġuni għaliex iż-żona madwar il-Baħar il-Mejjet hi waħda mill-aktar reġjuni sismoloġikament attivi tad-dinja, u t-terremoti huma komuni. Il-Baħar il-Mejjet fih ukoll diversi minerali ta' natura vulkanika, li jindikaw attività vulkanika fil-qiegħ ta' dan il-baħar, li tagħha nsibu wkoll evidenza f'avvenimenti bibliċi, bħal fil-każ tal-qerda ta' Sodoma u Gomorra bix-"xita ta' kubrit u nar" (Ġen 19,23-25).

L-akbar għajn ta' ilma li jinżel fil-Baħar il-Mejjet hi x-Xmara Ġordan, li titwieled fin-nixxigħat taħt il-muntanja Ħermon, bejn Israel, Libanu u Sirja, u tinżel il-Wied ta' Hula, tidħol fl-Għadira tal-Galilija u toħroġ minnha biex tkompli titkagħweġ fil-ħondoq sakemm tispiċċa fil-Baħar il-Mejjet. Ma hemm l-ebda xmara li terġa' toħroġ mill-Baħar il-Mejjet fin-nofsinhar tiegħu, imma l-ħondoq ikompli bħala wied niexef qoxqox imsejjaħ Għarabah (Arava) li jispiċċa fil-Golf ta' Eilat jew ta' Aqaba.

F'dan l-aħħar nofs seklu l-kwantità ta' ilma li tniżżel ix-Xmara Ġordan fil-Baħar il-Mejjet spiċċat biex saret biss serbut dejjaq ta' ilma li jinżel bil-mod il-mod, u li mhux suffiċjenti biex jissupplixxi għall-evaporazzjoni qawwija tax-xemx tiżreġ fuq l-ilmijiet tal-Baħar il-Mejjet. L-Istat ta' Israel u r-Renju tal-Ġordanja li flimkien jaqsmu l-ilmijiet tax-Xmara Ġordan qed jagħmlu użu estensiv tal-ilma għall-irrigazzjoni. Israel mhux iħalli l-ilma joħroġ liberament mill-Għadira tal-Galilija, li diġà niżlet fil-livelli l-aktar baxxi tagħha minħabba li sservi bħala reservoir naturali għal Israel. Illum il-ġurnata x-Xmara Ġordan iġġiblek ħasra meta tħares lejha, għax iktar donnha ilma qiegħed milli xmara. L-evaporazzjoni qawwija, flimkien ma' deżertifikazzjoni tal-klima minħabba l-effett tas-sħana globali wasslu biex ix-xita kważi qatt ma tasal fiż-żona tal-Baħar il-Mejjet, u biex il-volum tal-ilma fil-Baħar dejjem jinżel. Dawn l-aħħar snin ġew rrekordjati livelli rekord ta' 423 metru taħt il-livell tal-baħar. L-esperti tal-klima jgħidu li, minkejja li għad hemm nixxigħat taħt l-art li jipprovdu ftit ilma fil-Baħar il-Mejjet, dan diġà niżel aktar minn 10 metri mill-1997, u li b'din ir-rata sas-sena 2050 il-Baħar il-Mejjet se jisparixxi għal kollox.

## Il-Baħar il-Mejjet fil-Bibbja

Fil-Bibbja l-Baħar il-Mejjet jissemma l-aktar fl-istorja tal-qerda ta' Sodoma u Gomorra, li kienu żewġt ibliet li kienu jinsabu fix-xaqliba tan-nofsinhar ta' din l-għadira kbira ta' ilma mielaħ. Insibu l-istorja rrakkontata f'Ġenesi 19,1-29:

"Iż-żewġ anġli waslu Sodoma filgħaxija; u Lot kien qiegħed fil-bieb ta' Sodoma. Malli Lot rahom qam u mar jilqagħhom, u nxteħet wiċċu fl-art quddiemhom. U qalilhom: "Ara, ja sidien tiegħi, jekk jogħġobkom, duru lejn id-dar tal-qaddej tagħkom; għaddu l-lejl hemm, aħslu riġlejkom u mbagħad bakkru u morru għal triqtkom." U qalulu: "Le! Ngħaddu l-lejl fil-misraħ." U hu baqa' jissikkahom, u huma lwew lejn daru u marru għandu. U lestielhom ikla, u ħmielhom ħobż bla ħmira, u kielu. Qabel ma raqdu, in-nies tal-belt, in-nies ta' Sodoma, miż-żgħir sal-kbir, il-poplu kollu minn kull naħa, dawru d-dar. U sejħu lil Lot u qalulu: "Fejn huma

n-nies li daħlu għandek illejla?" Oħroġhomna, ħalli ninqdew bihom." Lot ħareġ għalihom ħdejn il-bieb, u għalaq il-bieb warajh. U mbagħad qalilhom: "Le, ħuti, tagħmlux id-deni. Araw, jien għandi żewġt ibniet li għadu ma għarafhom ħadd, ħa noħroġhomkom it-tnejn u għamlulhom kull ma jogħġobkom f'għajnejkom. Imma lil dawn l-irġiel la tagħmlulhom xejn, la darba daħlu għall-kenn tas-saqaf tiegħi." Imma huma qalulu: "Warrab minn hawn." U bdew jgħidu: "Dan ġie frustier f'nofsna, u issa jrid jagħmilha ta' mħallef! Nagħmlulek agħar minnhom." U ħebbu għal Lot b'kemm kellhom saħħa, u kienu għoddhom kissru l-bieb. U l-irġiel li kienu ħdejn il-bieb għamewhom ilkoll, miż-żgħir sal-kbir, u dawn għejew ifittxu l-bieb. U l-irġiel qalu lil Lot: "Lil min fadallek aktar? Ħatnek, uliedek, subien u bniet, u kull ma għandek fil-belt, oħroġhom minn dan il-post. Għax aħna se neqirdu dan il-post, għax il-għajta tagħhom kbira waslet quddiem il-Mulej u għalhekk bagħatna l-Mulej biex neqirduha." U ħareġ Lot u qal liż-żewġt irġiel, li kienu żżewġu liż-żewġt ibniet tiegħu: "Qumu, oħorġu minn hawn, għax il-Mulej se jeqred il-belt. " Imma ħtienu dehrilhom li qiegħed jiċċajta.

Malli beda jisbaħ, l-anġli bdew jgħaġġlu lil Lot u jgħidulu: "Qum, aqbad lil martek u ż-żewġt ibniet tiegħek, li hawn miegħek, li ma tinqeridx fil-kastig tal-belt." U beda jitnikker; imma l-irġiel qabduh minn idu, lilu, lil martu u ż-żewġt ibniet tiegħu, minħabba l-ħniena tal-Mulej għalih; u ħarġuh, u wassluh barra mill-belt. U malli ħarġuhom barra qalulhom: "Aħrab għax hemm ħajtek fin-nofs. La tħarisx warajk u lanqas tieqaf imkien f'dawn l-inħawi. Aħrab lejn l-għoljiet li ma tinqeridx." U Lot qalilhom: "Le, ja Sidi. Ara s'issa sab ħniena f'għajnejk il-qaddej tiegħek, u kbira l-ħniena li wrejt miegħi biex salvajtli ħajti. Imma jiena ma nistax naħrab lejn l-għoljiet bla tilħaqni l-ħsara u mmut. Ara hawn din il-belt fil-qrib, ħa nistkenn hemm, belt żgħira hi. Ħalli naħrab u nistkenn hemm – mhix belt żgħira? – u nsalva ħajti."

U wieġbu: "Ara, jien se naqtagħlek xewqtek f'din il-ħaġa wkoll; m'iniex se neqred il-belt li għedtli. Fittex aħrab hemmhekk, għax ma nista' nagħmel xejn qabel ma tasal hemm. Għalhekk semmew dik il-belt Sogħar.

U x-xemx kienet tielgħa fuq l-art, meta Lot wasal Sogħar. U l-Mulej bagħat ix-xita fuq Sodoma u Gomorra, xita ta' kubrit u nar mis-smewwiet mingħand il-Mulej. U qered dawk il-bliet u l-inħawi kollha ta' madwarhom, u lil kull min kien jgħammar fihom, u l-ħdura kollha tal-art. U l-mara ta' Lot ħarset lura, minn warajh, u saret plier tal-melħ.

U Abraham qam filgħodu kmieni u rħielha lejn il-post fejn kien qagħad quddiem il-Mulej. U ħares lejn Sodoma u Gomorra, u fuq l-art kollha ta' madwarhom, u ra li kien tiela' duħħan mill-art, bħad-duħħan ta' forn.

Meta Alla qered il-bliet tal-wita, Alla ftakar f'Abraham u ħareġ lil Lot minn nofs il-qerda, meta qered l-ibliet, li fihom kien jgħammar Lot."

Il-Baħar il-Mejjet jissemma wkoll fil-Profeta Eżekjel 47,1-12 b'riferiment għall-ilma ġieri li mit-Tempju ta' Ġerusalemm jinżel fil-Baħar il-Mejjet biex l-ilmijiet melħin tiegħu jsiru ħelwin u fihom ikun hemm il-ħajja:

"Imbagħad ħadni ħdejn il-bieb tas-santwarju; u ara, kien hemm l-ilma ħiereġ minn taħt l-għatba tas-santwarju lejn il-lvant – għax is-santwarju kien iħares lejn il-lvant. U l-ilma kien ħiereġ min-naħa tal-lemin tal-għatba, in-naħa tan-nofsinhar tal-altar. Imbagħad ħariġni mill-bieb tat-tramuntana u mexxieni madwar, minn barra, sal-bieb ta' barra li jħares lejn il-lvant; u l-ilma kien inixxi min-naħa tal-lemin tal-għatba.

Xħin ħareġ dan ir-raġel għan-naħa tal-lvant, kellu f'idu l-ħajt tal-qjies. Imbagħad qies elf driegħ, u għaddieni mill-ilma li kien jilħaq sal-għekiesi. Reġa' qies

elf oħra, u għaddieni mill-ilma jilħaq sa rkopptejja. Qies elf oħra, u għaddieni mill-ilma jlaħħaqli sa ġenbejja. Imbagħad qies elf oħra, u ma stajtx naqsam, għax l-ilma tant għola li kont tista' tgħum fih, xmara li ma tistax taqsamha. Imbagħad qalli: "Rajtu dan, o bniedem!" U ħadni fuq xatt ix-xmara u rġajna lura.

U ara, kif konna rieġgħa lura, rajt ħafna siġar ma' xatt ix-xmara, fuq naħa u fuq oħra. U qalli: "Dan l-ilma ħiereġ lejn in-naħa tal-lvant u nieżel lejn l-Għaraba, u meta jasal fil-Baħar il-Mejjet b'dak l-ilma mielaħ, l-ilma jsir ilma ħelu. U jiġri li, kull fejn tgħaddi dik ix-xmara, kull ħaġa ħajja li tiċċaqlaq tgħix; u jkun hemm kotra kbira ta' ħut, għax, minn kull fejn jgħaddi dak l-ilma, l-ilma jitjieb u jkun hemm il-ħajja minn kull fejn tgħaddi x-xmara. U f'xatt ix-xmara jkun hemm is-sajjieda, u x-xbiek tagħhom ikunu mifruxa minn Għajn-geddi sa Għajn Għeglajm, u l-ħut ikun ta' kull ġens u kotran, daqs il-ħut tal-baħar il-kbir. Imma l-ilma qiegħed u l-għadajjar ma jitjibux, imma jibqgħu mielħa. Fuq iż-żewġt ixtut tax-xmara jikbru siġar ta' kull ġens ta' frott; il-weraq tagħhom ma jidbielx, il-frott tagħhom ma jonqosx. Kull xahar jagħmlu frott ġdid, għax l-ilma tagħhom ħiereġ mit-tempju, u l-frott tagħhom ikun ikel, u l-weraq duwa."

Il-Profeta Żakkarija 14,8 wkoll isemmi l-Baħar il-Mejjet fi profezija dwar l-ilma li joħroġ mit-Tempju: "Dakinhar minn Ġerusalemm joħroġ ilma ġieri, nofsu lejn il-baħar tal-lvant (Baħar il-Mejjet) u n-nofs l-ieħor lejn il-baħar tal-punent (Mediterran), u jibqa' jiġri sajf u xitwa."

Il-Baħar il-Mejjet jissemma wkoll bħala l-fruntiera tal-lvant tal-Art Imwiegħda f'Numri 34,11-12: "tibqa' nieżla u tmiss il-ġenb tal-baħar ta' Kinneret in-naħa tal-lvant, u tibqa' nieżla mal-Ġordan sal-Baħar il-Mielaħ; din tkun l-art tagħkom b'dawn il-fruntieri madwarha."


*Il-melħ u l-evaporazzjoni tal-Baħar il-Mejjet*

Max-xtut tal-Baħar il-Mejjet jinsabu xi oasi. Fuq ix-xaqliba tal-punent hemm l-oasi ta' Għajn Gedi (Ein Gedi) li llum hi riserva naturali bi fdalijiet arkeoloġiċi (fdalijiet ta' tempju kalkolitiku u ta' sinagoga) u nixxiegħa ta' ilma frisk li ma jaqta' qatt. Il-Bibbja ssemmi dan il-post fir-rakkont ta' 1Samwel 24,1-23, meta David isalva lis-sultan Sawl mill-mewt, anke jekk dan kien ħareġ biex ifittex lil David ħalli joqtlu fid-deżert tal-Lhudija. Hawn inġibu biċċa mir-rakkont bibliku:

"U ġara li meta Sawl raġa' lura minn wara l-Filistin għarrfuh u qalulu: "Ara, David qiegħed fix-xagħri ta' Għajn Gedi." Sawl ħa tlitt elef raġel magħżula minn fost Israel kollu, u mar ifittex lil David u n-nies tiegħu fuq in-naħa tal-lvant ta' Blat il-Mogħoż Selvaġġi. U wasal ħdejn l-imqawel tal-imrieħel fuq it-triq; kien hemm għar, u Sawl daħal fih biex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu; u David u n-nies tiegħu kienu qegħdin 'il ġewwanett tal-għar. U n-nies ta' David qalulu: "Ara, dan hu l-jum li għalih il-Mulej qallek: Ara, jien se nagħtik l-għadu tiegħek f'idejk, u tagħmel minnu kif jogħġbok."

U David qam, u ċarrat bis-serqa l-keffa tal-mantar ta' Sawl. U ġara li David stess ħass il-kuxjenza tiegħu tniggżu għax qata' l-keffa tal-mantar ta' Sawl. U qal lin-nies tiegħu: "Iħarisni l-Mulej! Ma jkun qatt li nagħmel dan lil sidi, il-midluk tal-Mulej." U David ipperswada lin-nies tiegħu bi kliemu, u ma ħallihomx iqumu għal Sawl. U Sawl qam u ħareġ mill-għar għal triqtu.

Imbagħad wara dan David ħareġ mill-għar u beda jgħajjat wara Sawl u jgħidlu: "Sidi s-sultan!" U Sawl ħares lura, u David niżżel wiċċu sal-art quddiemu u sellimlu" (1Sam 24,1-9).

Il-Ktieb tal-Għanja tal-Għanjiet iqabbel lill-maħbuba ma' għanqud ward fid-dwieli ta' Għajn Gedi (Għan 1,14).

## Dawra mal-Baħar il-Mejjet

Ix-xtut tal-Baħar il-Mejjet għandhom storja importanti u diversi siti ta' natura arkeoloġika. Sa ftit għexieren ta' snin ilu l-Baħar il-Mejjet kien akbar milli hu llum. Kellu estensjoni fin-nofsinhar li llum nixfet u li fiha biss salini tal-melħ. Iż-żewġ sezzjonijiet kienu antikament mifrudin minn penisola li tinżel min-naħa Ġordana fuq il-lvant, minn taħt il-belt ta' Kerak, li jisimha Lisan bl-Għarbi jew Halashon bil-Lhudi. Fil-qedem din il-penisola kienet il-mezz naturali li minnu kienu jgħaddu l-karovani biex jaqsmu mill-altipjan tal-Ġordanja lejn il-Palestina, għax hawnhekk il-medda ta' ilma mielaħ li riedu jaqsmu kienet dejqa. Fuq ix-xaqliba tal-punent tal-Lisan tinsab il-fortizza Erodjana ta' Masada. Mill-penisola tal-Lisan wieħed kien jitla' fuq l-altipjan Għarabiku lejn Kerika mit-"telgħa ta' Luħit" imsemmija f'Isaija 15,5.

Fil-kitba ta' Plinju ix-Xiħ, 'Storja Naturali', insibu deskrizzjoni tal-Baħar il-Mejjet, li hu sejjaħlu l-Għadira tal-Asfalt minħabba n-natura vulkanika tal-minerali u t-tajn li hemm fil-qiegħ tal-Baħar il-Mejjet. Hekk jikteb Plinju: "L-Għadira ta' Asfaltide ma tipproduċi xejn aktar għajr qatran, li minnu ħadet ukoll isimha. L-annimali ma jegħerqux fl-ilmijiet, u saħansitra l-barrin u l-iġmla jibqgħu fil-wiċċ. Għalhekk kulħadd jgħid li mhux possibbli li wieħed jegħreq fih. Hu twil aktar minn 100 mil u wiesa' 75 mil li jonqos għal 6 mili fl-aktar parti dejqa. Fuq il-



*Il-penisola tal-Lisan minn Masada*




*Mappa ta' Madaba*

lvant tiegħu tixref l-Għarabja tal-bedwini, fuq in-nofsinhar Machaerus, li kienet it-tieni fortizza tal-Lhudija wara Ġerusalemm. Fuq l-istess naħa hemm nixxiegħa ta' ilma sħun u terapewtiku li jisimha Kalliroe, isem li jindika l-istess tjubija li tinsab f'dawn l-ilmijiet."

Fl-*Onomasticon* Ewsebju ta' Cesarija jsejjaħ dan il-baħar "il-Baħar tal-Għaraba, li hu l-Baħar il-Mejjet".

Ix-xaqliba tal-lvant tal-Baħar il-Mejjet, li tinsab fil-Ġordanja, hi magħrufa, kif għidna, għan-nixxigħat sħan ta' Kalliroe. Fl-antikità dawn in-nixxigħat kienu famużi b'aktar minn 60 nixxigħa ta' ilma li jinżlu mill-altipjan Ġordan ta' Mowab. Erodi l-Kbir kien jagħmel użu minn dawn in-nixxigħat għal skopijiet terapewtiċi, l-aktar lejn l-aħħar perjodu ta' ħajtu. Dawn in-nixxigħat huma wkoll rappreżentati fil-famuża Mappa ta' Madaba, li hi mappa tal-Art Imqaddsa fil-mużajk ta' paviment tas-seklu 6, li nstab fil-knisja Griega Ortodossa ta' San Ġorġ f'Madaba fl-1884. Hemmhekk jissejjaħ ukoll l-Għadira Asfaltide jew Baħar il-Mejjet. Interessanti li f'din il-mappa, meta wieħed isegwi x-Xmara Ġordan, jara li fejn din tisbokka fil-Baħar il-Mejjet, il-ħut li hemm fiha bl-abbundanza jerġa' lura fi triqtu, għax ma jistax jgħix fis-salinità għolja u nuqqas ta' ossiġenu li fih il-Baħar il-Mejjet.

Fuq ix-xaqliba tal-punent tal-Baħar il-Mejjet diġà semmejna l-fortizza ta' Masada u l-oasi ta' Għajn Gedi. Jekk wieħed jersaq lejn il-Baħar il-Mejjet mit-tramuntana, fit-triq li soltu tinżel lejn Ġeriko u mbagħad tkompli mal-kosta tal-Baħar lejn l-Għaraba u tibqa' nieżla sa Eilat, wieħed għandu jinnota diversi siti arkeoloġiċi ta' importanza kbira. L-aktar sit importanti hu dak ta' Khirbet Qumran, fejn fl-1947 instabu l-famużi *Dead Sea Scrolls* marbutin mas-setta tal-Esseni, u fejn għad hemm il-fdalijiet tal-kastell jew monasteru ta' dawn l-istess Esseni, imdawwar minn ħafna għerien naturali fejn huma ħbew il-parċmini prezzjużi tagħhom qabel ma l-post inqered mir-Rumani fis-sena 68 w.K.

Xi 3 kilometri lejn in-nofsinhar ta' Qumran hemm

is-sit ta' Għajn Fashqa, li tiġi identifikata ma' Għajn Għeglajm imsemmija f'Eżekjel 47,10. Dan is-sit kien diġà magħruf fl-epoka Biżantina, u jagħtina deskrizzjoni tiegħu ir-raħeb Biżantin Ġwann Mosco (540/550 – 619/643): "Hemm muntanja qrib il-Baħar il-Mejjet li jisimha Marda (Hircania, li tinsab xi 8 kilometri lejn il-punent ta' Għajn Fashqa). Hemmhekk jgħixu diversi eremiti: għandhom ġnien f'riġlejn il-muntanja, bogħod xi 6 kilometri, proprju fuq il-Baħar il-Mejjet" (*Patrologia Greca* 87,2852).

Jekk tkompli fi triqtek lejn nofsinhar taħt il-muntanji għoljin ta' blat imdendel niexef qoxqox, issib diversi widien tad-Deżert tal-Lhudija li jisbukkaw fil-Baħar il-Mejjet. Malli tħares lejn dawn il-widien tilmaħ is-sinjali ta' ilma li jinżel bil-qawwa mill-għoli lejn il-baħar fil-ftit okkażjonijiet li tagħmel ix-xita qliel f'dawn l-inħawi. L-aktar wied magħruf fosthom hu l-Wied taċ-Ċedron (Wadi an-Nar bl-Għarbi; Nahal Kidron bl-Ebrajk) li jinżel minn Ġerusalemm, u jgħaddi taħt żewġ monasteri Biżantini magħrufin fid-Deżert tal-Lhudija, il-monasteru ta' Mar Theodosius u dak ta' Mar Saba, fl-inħawi fuq ix-xaqliba tal-lvant ta' Betleħem.

Il-Wied ta' Murabaʻat, fejn jisbukkaw il-Widien Darga, Tekoʻa u Għamos (dawn tal-aħħar marbutin mal-profeta Għamos li kien minn Tekoʻa, fuq ix-xlokk ta' Betleħem), hu magħruf għas-sejbien ta' ittri, dokumenti u siġilli ta' Shimon Bar Kochba, li kien mexxa t-tieni rivoluzzjoni Ġudajka fis-sena 132 w.K., u kien qal li kien il-Messija li ġie biex jeqred il-ħakma tar-Rumani. F'dawn l-ittri Bar Kochba (Iben il-Kewkba) jiddikjara lilu nnifsu bħala prinċep ta' Israel.

## Il-futur tal-Baħar il-Mejjet

Reċentement dehret kontribuzzjoni interessanti dwar il-Baħar il-Mejjet fuq il-website tal-BBC News (http://www.bbc.co.uk/news/science-environment-15938294). L-iskop ta' dan l-artiklu xjentifiku kien li juri li, storikament, il-Baħar il-Mejjet mhux l-ewwel darba li sparixxa matul perjodi ta' deżertifikazzjoni tal-klima, simili għal dak li qed ngħaddu minnu fi żminijietna. Dak li jolqot hu li dan il-proċess seħħ mingħajr l-ebda intervent uman, billi matul dawn il-perjodi storiċi ż-żona ta' madwar il-Baħar il-Mejjet kienet virtwalment mhux abitata mill-bnedmin. Illum il-pajjiżi li jixirfu fuq il-Baħar il-Mejjet, jiġifieri Israel u l-Ġordanja, jieħdu tunnellati ta' litri ta' ilma frisk mix-Xmara Ġordan u min-nixxigħat naturali li jinżlu mill-muntanji lejn dan il-baħar biex ikunu jistgħu jużaw l-ilma għal skopijiet ta' irrigazzjoni u għal użu domesiku tal-popolazzjonijiet tagħhom li dejjem jiżdiedu b'rata mgħaġġla, l-aktar fil-bliet ta' Ġerusalemm u Amman. Meta wieħed jgħaqqad dan l-intervent uman mal-proċess ta' deżertifikazzjoni tal-klima ħtija tal-effett ta' klima aktar sħuna u ta' nuqqas ta' xita serju f'dawn l-aħħar għaxar snin f'dan ir-reġjun, dawn il-fatturi kollha jindikaw li għad jasal jum, li forsi uħud minna jarawh, li fih il-livell tal-Baħar il-Mejjet jinżel tant li prattikament dan il-baħar jisparixxi mill-wiċċ tal-pjaneta.

Matul l-2011 l-American Geophysical Union, immexxija mill-Professur Steve Goldstein, li hu kimiku ġeologu fil-Columbia University Earth Observatory, mexxa serje ta' tħaffir fil-fond fil-qiegħ tal-Baħar il-Mejjet, sabiex jiġbor eżemplari ġeoloġiċi li jippruvaw it-teżi li l-Baħar il-Mejjet ra tibdil kbir fil-livell tiegħu matul il-millennji ta' storja tal-eżistenza tiegħu. Skont Goldstein, "Ir-raġuni għaliex il-Baħar il-Mejjet nieżel hi li prattikament l-ilma kollu li jinżel fih jittieħed mill-pajjiżi ta' madwar. Imma issa nafu li f'perjodi klimatiċi sħan, l-ilma li llum il-bnedmin qegħdin jużaw u jiddependu minnu waqaf milli jnixxi waħdu, mingħajr l-ebda intervent uman. Dan għandu implikazzjonijiet importanti għall-bnedmin illum għaliex il-mudelli tal-klima globali

jindikaw li dan ir-reġjun b'mod partikulari se jkun aktar niexef fil-ġejjieni."

Il-Baħar il-Mejjet għadda minn perjodi li kellu abbundanza kbira ta' ilma, l-aktar matul l-era glaċjali, meta l-klima kienet ħafna aktar kiesħa mil-lum. Xi 25 elf sena ilu l-Baħar il-Mejjet kien xi 260 metru aktar għoli milli hu llum. Hekk kien jidher bħala għadira kbira ħafna li kienet tinkludi l-ħondoq tal-Baħar il-Mejjet, inkluż il-Wied tal-Għaraba, il-Wied tax-Xmara Ġordan u l-Għadira tal-Galilija. Ix-xjenzjati sejħu din l-għadira preistorika bl-isem ta' Għadira ta' Lisan. Imma matul il-perjodi inter-glaċjali, meta l-klima tad-dinja saħnet, il-Baħar il-Mejjet beda jonqos fil-volum u l-estensjoni tiegħu. Il-konċentrazzjoni ta' salinità fil-Baħar il-Mejjet iffurmat matul dawn il-perjodi sħan u xotti, u dejjem tiżdied minħabba l-evaporazzjoni qawwija tal-ilma.

Ix-xjenzjati qegħdin iwissu lill-gvernijiet ta' Israel u tal-Ġordanja li l-proċess ta' deżertifikazzjoni taż-żona madwar il-Baħar il-Mejjet tista' tfisser it-tmiem ta' din l-għadira ta' ilma mielaħ kif ukoll żbilanċ fis-sistema ekoloġiku delikat fir-reġjun. Ħadd għadu ma jaf x'effett dan it-tnaqqis ta' volum u piż ta' ilma jista' jkollu fuq il-makkinarju tettoniku tar-reġjun, li hu suxxettibbli għal terremoti kbar. Il-problema se ssir aktar ikkumplikata minħabba li ż-żona madwar il-Baħar il-Mejjet qed tkun dejjem aktar popolata. Dak li se jiġri fil-ġejjieni ma tantx jagħmlilna kuraġġ u meħtieġa azzjoni urġenti min-naħa tal-gvernijiet fir-reġjun jekk iridu jsalvaw dan il-fenomenu uniku tan-natura.

Fit-traduzzjoni Vulgata tal-Bibbja San Ġlormu sejjaħ il-Baħar il-Mejjet bl-isem ta' *mare solitudinis, mare salis* (Ġożwè 3,16). Jekk dan kien veru mijiet ta' snin ilu, illum il-ġurnata dan ir-reġjun, minkejja li hu deżert, ukoll qiegħed jaqa' taħt l-effett tal-progress teknoloġiku tal-bniedem. Diversi proġetti saru minn Israel u l-Ġordanja biex forsi jinħoloq mezz kif l-ilma tal-Golf ta' Eilat (Aqaba) jew dak tal-Baħar Mediterran ikun jista' jasal fil-Baħar il-Mejjet biex dan ma jmutx. Imma ta' min jiftakar li l-vera raġuni ta' gwerer reċenti fil-Lvant Nofsani, partikolarment bejn Israel, Libanu u Sirja, kienu kollha marbutin mal-problema tal-kontroll tan-nixxiegħa tal-ilma. Aktar ma tiżdied id-domanda għal ilma frisk f'dawn il-pajjiżi li fihom il-popolazzjoni qed tesplodi, aktar jikber il-periklu li huma se jidħlu f'konflitt armat biex jaħkmu l-ilma.


*Monasteru ta' Mar Saba*




# MESSAĠĠIERA TA' ALLA ĠAKOBB (I)

*P Twanny Chircop ofm*

Ġakobb huwa wieħed mill-ulied tewmin ta' Iżakk u Rebekka. Huwa missier it-tnax-il tribù ta' Israel. Bil-Lhudi ismu huwa *Ja'aqob*, dan l-isem ġie mogħti lilu għax twieled "b'idu mqabbda ma' għarqub Għesaw" (Ġen 25:26; Hos 12,4). Isem Ġakobb jaqbel mal-għerq tal-verb *'aqab*, li jfisser "tqarraq b'xi ħadd, tmurlu minn warajh" biex taqlibhielu (Ġer 9:3-4). Isem li joqgħodlu sewwa ħafna. L-istorja ta' Ġakobb nafuha mill-Ktieb tal-Ġenesi minn Kapitlu 25, vers 9 sa l-aħħar. Ġakobb huwa persunaġġ storiku. Il-poplu ta' Israel, imnissel minn Ġakobb, żamm ħajja l-memorja tiegħu. Israel jieħu ismu minnu, l-isem li tah l-anġlu wara li ssara miegħu:

"Ma jkunx aktar jismek Ġakobb, iżda Israel, għax int issarajt ma' Alla u mal-bnedmin u rbaħt." (Ġen 32:29)

Ġakobb huwa l-ewwel Israelita għalhekk l-awturi tat-TQ jisħqu dwar li Ġakobb hu misser il-poplu aktar milli Abraham li hu missier ukoll tal-popli ġirien tagħhom. It-tnax-il kap tat-tribujiet ta' Israel huma ulied Ġakobb li kellu erba' nisa.

L-istorja ta' Ġakobb, Lija u Rakele (Ġen 25: 19-36:43) hija it-tieqa li minnha nistgħu naraw il-ġlieda ta' Israel biex ikun jista' jgħix fid-dinja ostili tas-snin 1250-1000 q. K. Israel ra, fl-istorja ta' Ġakobb l-istess storja tiegħu; ta' poplu li rnexxielu jibqa' ħaj għax kien kapaċi jpatti għan-nuqqas ta' saħħa tiegħu billi mmanipula s-saħħa tal-oħrajn.

## Antik Testment

Ġakobb huwa mfakkar mhux bħala wieħed li jaqla' l-inkwiet, imma bħala wieħed li jirnexxielu jirbaħ is-sitwazzjoni hi x'inhi. Il-posizzjoni tiegħu qatt ma kienet fi żgur; kontinwament kellu jiddifendija.

Fil-bidu Israel kien poplu emarġinat, u bħal kull poplu emarġinat, jammira lill-għaqlin li jimxu 'l quddiem minkejja d-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom. (L-għaqal hija l-virtù tal-fqir).

Ġakobb daħak b'Għesaw, biex ibiegħlu l-primoġenitura (Ġen 25:19-34), b'Iżakk li jispiċċa jagħtih il-barka (Ġen 27:1-45). Hu daħak b'Laban li jbegħlu n-nagħaġ tiegħu (Ġen 30:25-43) u l-art tiegħu (Ġen 31:1-32:3), u anke b'Yaħweh biex jaqasam ix-xmara Ġabbok (Gen 32:23-33)

Ġakobb ma kienx bniedem kriminali, imma kien jaf idawwar is-sistema favur tiegħu. It-tavlozzi kuniformi (mod ta' kitba) ta' Nuzzi, belt importanti ħafna fis-snin 1500 q. K. juru li l-primoġenitura setgħet tinbiegħ jew tinxtara, wegħda bil-kelma, anke meta tkun kontra dak li jkun għamilha ma tistax ma tinżammx; persuni bħal Laban li ma kellhomx werrieta setgħu jaddotaw wieħed huma bħal fil-każ ta' Ġakobb (Gen 29:1-30).

Ġakobb, Lija u Rakele mhux biss setgħu jimmanipulaw is-soċjetà imma anke n-natura għall-vantaġġ tagħhom. Lija wżat il-pjanta tal-mandragoli biex tkun tista' tiled tarbija. (Il-mandragoli hija pjanta li kienu jużaw biex tgħin lil min ma kienx jista' jkollu tfal. ) Ġakobb irnexxielu jħallat ir-razez tan-ngħaġ biex ikun jista' jkollu ħrief b'kuluri diversi.

Il-Bibbja hija kawta ħafna u bbilancjata meta tagħmel l-ġudizzju tagħha fuq l-għaqal (makakkerija) li hu fl-aqwa tiegħu meta jkun sfida ta' sitwazzjoni partikulari. Fil-fatt l-għaqlin jaħarbu fil-periklu. Ġakobb kien dejjem jiġri, Aramew li jiskopri (Dewt 25:5-10). Għesaw (Ġen 27:30-45), Iżakk (Ġen 27:46-28,9), u Laban (Ġen 31:1-24) kollha eżiljaw lil Ġakobb meta intebħu bit-telfiet tagħhom fil-konfront tiegħu. U Ġakobb li qarraq b'Iżakk eventwalment ġie imqarraq minn Simgħon u Levi (Ġen 34:1-31) u minn Ġużeppi (Ġen 47:27-48:22).

Il-Bibbja ma tfaħħarx dan it-tip ta' makakkerija biex tgħallem li tajjeb li wieħed jigdeb, iqarraq, jisraq u li tħeġġu jkompli sejjer hekk, u li din l-imġiba kienet tajba għal missirijietna imma mhux għall-persuni ordinarji. Il-Bibbja li trid tagħmel hu li tfaħħar il-persistenza u l-kumbattiment tal-fqir biex jirbaħ is-sitwazzjonijiet u jibqa' jgħix u tonora 'l Alla ta' Ġakobb talli jagħti l-għajnuna tiegħu lill-fqir u mhux lil min hu qawwi.

Xhieda tal-importanza tal-figura ta' Ġakobb fil-Bibbja hu l-fatt li ismu jidher ftit iżjed minn 350 darba, daqs nofs dawn insibuhom fil-Ġenesi. Ir-rakkont tal-Ġenesi jaqsam l-istorja ta' Ġakobb f'żewġ fażijiet; iċ-ċiklu tal-ġrajjiet li fihom Ġakobb huwa l-protagonista (Ġen 27-36), u r-rakkont ta' Ġużeppi (Ġen 37-50) li fihom Ġakobb għandu rwol sekondarju. Fl-ewwel fażi il-ġrajjiet bħal donnhom se jispiċċaw f'traġedja imma

fil-fatt jispiċċaw pożittivament. Il-mument li fih it-traġedja tinbidel f'ferħ hija l-famuża xena tal-ġlieda bejn Yaħweh u Ġakobb f'xatt ix-xmara Ġabbok. Xena tat-TQ li tqarreb ħafna lejn rakkont ta' konverżjoni. Dan iż-żmien tal-ħajja ta' Ġakobb jista' jinqasam f'tliet partijiet, fejn huwa jitbiegħed u jerġa' lura lejn Alla; it-tfulija f'dar missieru, l-għoxrin sena eżilju f'Kangħan, u dħul lura f'art twelidu.

Fil-bidu ta' kull waħda mill-fażijiet insibu dehra divina li tħabbar proprju dak li kellu jgħaddi minnu Ġakobb. Oraklu lil Rebekka li ħabbar il-gambetta li Ġakobb kien ser jagħti lil ħuh (Ġen 25,23), il-viżjoni li kellu ġewwa Betel fejn Ġakobb ingħata l-barka (Ġen 28, 11-17) u t-taqbida li kellu fejn ix-xmara Ġabokk fejn irċieva isem u identità ġdida marbuta mal-patt (Ġen 32, 23-32). Fl-isfond ta' dawn il-grajjiet hemm il-kuntrast bejn l-indenjità umana u l-grazzja divina.

Fl-istorja tas-salvazzjoni, Ġakobb huwa meqjus bħala wieħed mill-Patrijarki. Dan ir-rwol ta' Patrijarka jidher ċar mill-fatt li l-istess poplu 'l quddiem jiġi msejjaħ bl-isem ġdid li ngħatalu (Israel). Fil-qalba tar-rakkont tal-Ġenesi, dak li ħafna drabi huwa evidenti hu li Ġakobb huwa il-missier tal-klann. Ir-rakkont huwa ukoll għani fuq livell uman. L-istorja tiegħu hi waħda bdoża qawwija ta' umoriżmu li tidher fil-Bibbja kollha. Il-parti l-kbira ta' dan l-umoriżmu ġejja mill-fatt li Ġakobb huwa il-proto-tip tal-imbroljun. Ukoll Ġakobb huwa ta' karattru aggressiv u pittoresk, li joħloq konflitti kull fejn ikun. Dan jidher ċar fl-istorja tal-Ġenesi ibda minn ismu stess. Fil-fatt fil-mentalità biblika l-isem jirrifletti l-identità tal-persuna. L-isem li ngħata, Ġakobb, jista' jiġi tradott sempliċement bħala użurpatur – dak li jaħtaf (letteralment; dak li jfittex li jaqbad l-għarqub). Meta Għesaw intebaħ li ħuh kien seraqlu il-barka tal-missier jistqarr: "Għalhekk mela jismu Ġakobb? Darbtejn qalagħni 'l barra: l-ewwel ħadli il-primoġenitura u issa ħadli l-barka tiegħi." (Ġen 27,36)

L-isem ta' Ġakobb isir il-qalba tax-xena tat-taqbida meta l-anġlu isaqsih x'ismu u jagħtih isem ġdid (Dak li tqabad ma' Alla), li jagħti xejra ġdida, mingħajr ma jħassarha, lill-identità fundamentali ta' Ġakobb, jiġifieri dak li jitqabad u jirbaħ.

Fil-fażijiet tal-azzjoni tiegħu, ix-xbieha ta' Ġakobb, li toħroġ mir-rakkont tal-Ġenesi, tixbah lil tipi ta' persunaġġi bibliċi li nsibu fl-Iskrittura. Il-ġlied bejn l-aħwa jispjega biċċa sewwa mill-ewwel parti tal-ġrajja. Din il-pika bejn l-aħwa tidher mill-fatt li Ġakobb u Għesaw huma wieħed il-kuntrarju tal-ieħor: wieħed raġel kwiet jgħix fl-għerejjex u l-ieħor kaċċatur tas-sengħa, raġel tar-raba' (Ġen 25,27). Ukoll, Ġakobb huwa wieħed mill-arketipi tal-iben iż-żgħir li jieħu post l-iben il-kbir fl-Iskrittura.

Bħala konsegwenza, Ġakobb isir, il-maħrub itturmentat mill-ħtija, in-namrat, il-vittma ta' kastig

tad-daħk imma mmeritat (fl-episodju tal-għarusa mibdula), l-imprenditur ta' suċċess (ma hemmx dubbju li hu kkunsidrat bħala wieħed mill-ħaddiema l-aktar ħawtiela li nsibu fil-paġni tal-Bibbja) u dak li adura 'l Alla. Fil-laqgħa tiegħu ma' ħuh, jippreżenta ruħu niedem u li jagħraf il-ħtija tiegħu.

Ix-xbihat li magħhom nassoċjaw lil Ġakobb huma ftit jew wisq numerużi. Ħafna drabi narawh flimkien mal-familja tiegħu: huma ħafna r-riferimenti għalih bħala ir-raġel u l-missier. Wara dawn hemm ir-riferimenti għalih bħala l-iben, wieħed mill-aħwa u n-neputi.

## Ġdid Testment

Il-Vanġelu ta' San Luqa b'mod partikulari jkompli t-tradizzjoni ta' Ġakobb, Lija u Rakele billi jagħmel aċċenn qawwi għall-"*anawim*", jew poplu emarġinat, bħal Maria ta' Nazareth li fuqha l-Mulej serraħ l-Ispirtu tiegħu (Lq 1:50-53). Il-vanġelu ta' San Ġwann (Gw 1:51; 3:31-36) ipinġi lil Ġesù bħala Ġakobb il-ġdid li jgħaqqad is-sema mal-art kif għamel Ġakobb ġewwa Bethel. Ukoll, fuq il-prinċipju li l-għaqli, bħal Ġakobb, huwa dejjem f'riskju, l-Ittra lir-Rumani (9:1-11:36) tħeġġeġ lill-Insara li, bħalma Ġakobb ried il-barka ta' ħuh Għesaw, huma għandhom ikollhom xewqa għall-barka tal-Lhud.

L-identità ta' Ġakobb fil-Bibbja hija kważi esklussivament dik ta' Missier il-Poplu magħżul u dan l-istess poplu jġib ismu, ħlief għal żewġ eċċezzjonijiet importanti. Fl-Ittra lir-Rumani: "Ħabbejt lil Ġakobb u bgħadt lil Għesaw" (Rum 9,13) l-imħabba ta' Alla fil-konfront ta' Ġakobb u l-mibegħda għal Għesaw huma uzati biex juru u jikkonfermaw id-duttrina tal-għażla divina. Fl-Ittra lill-Lhud Ġakobb huwa muri bħala bniedem li emmen, u li jagħmel minnu eroj!





# IL-KNISJA BĦALA L-ĠISEM TA' KRISTU

*Fr Charles Buttigieg*

**Ħarsa lejn it-Tagħlim fl-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Efesin**

*"Ħabirku biex iżżommu Spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem:*
*ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda;*
*Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda" (Efesin 4:3-5)*

## L-Ittra lill-Efesin

Il-belt ta' Efesu tinsab fuq il-kosta tal-punent tal-Asja Minuri, illum fit-Turkija. Kienet il-belt kapitali tal-Provinċja Rumana tal-Asja Minuri. Il-belt kienet magħrufa ħafna fl-antikità bħala ċentru kbir tal-maġija, fil-fatt meta kien hemm San Pawl u n-nies bdew jaraw il-mirakli tiegħu, ħafna minn dawk li kienu jagħmlu s-sħarijiet ġiebu l-kotba tal-maġija u ħarquhom (ara Atti 19:19). Hawnhekk San Pawl għamel madwar tliet snin bħala parti kbira mill-ministeru ta' evanġelizzazzjoni matul it-tielet vjaġġ missjunarju, kif insibu tajjeb fil-kapitlu 19 tal-Atti ta' l-Appostli. Kien ukoll għamel żjara qasira hawnhekk wara Korintu, qabel ma temm it-tieni vjaġġ missjunarju, lura lejn Antijokja (ara Atti 18:18-22). F'Efesu nerġgħu niltaqgħu ma' Akwila u Priska (Prixxilla) u ma' Apollo, Lhudi għaref minn Lixandra (ara Atti 18:23-28). Minħabba dan iż-żmien twil ta' San Pawl f'Efesu xi studjużi jsostnu li xi ittri ta' San Pawl għandhom rabta ma' din il-belt. Minn hawnkekk kiteb żgur l-Ewwel Ittra lill-Korintin. Hawnhekk San Pawl jaħtar lil Timotju bħala ragħaj spiritwali ta' din il-belt ferm importanti.

L-ittra lill-Efesin, flimkien mal-ittri lill-Filippin, lill-Kolossin u lil Filemon jissejħu l-'ittri mill-ħabs', għaliex aktarx inkitbu meta San Pawl kien miżmum taħt arrest domiċiljari, ġewwa Ruma. Xi studjużi bħal Lincoln, Schnackenberg, Lindemann, Mitton u oħrajn jaraw xebh kbir ta' din l-ittra mal-Ittra lill-Kolossin. L-ittra kienet mibgħuta ma' Tikiku bħal fil-każ tal-Kolossin (ara Ef 6:21-22). F'din l-ittra San Pawl jitkellem l-iktar dwar il-Knisja bħala l-poplu magħżul ta' Alla u l-Ġisem ta' Kristu. Din it-teoloġija li nsibu dwar il-Knisja f'San Pawl insejħulha 'Ekkleżjoloġija Pawlina'. Għal xi studjużi din it-tema tal-knisja tagħmilha bħala ittra ċirkulari importanti għall-knejjes l-oħra tal-qrib tal-Asja Minuri. Dan ir-rapport li naraw tal-Knisja ma' Kristu, jagħmel minn din l-ittra ta' San Pawl bħala waħda mill-iktar favoriti, anke ma' dawk ħutna nsara li m'humiex kattoliċi. Infatti Kalvinu kien jikkunsidraha bħala l-iktar ktieb ippreferut fil-Ġdid Testment.

## Kristu, ir-Ras tal-Knisja

F'din l-ittra nsibu qabel kollox l-eżaltazzjoni ta' Kristu: "li wera fi Kristu meta qajmu mill-imwiet u qiegħdu fil-lemin tiegħu fis-smewwiet, 'il fuq minn kull Saltna u Setgħa, minn kull Qawwa u Ħakma, 'il fuq minn kull isem li jissemma, qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-Knisja kollha, li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox" (Ef 1:20-22). Ta' min isemmi l-espressjonijiet bħal 'fi, bi jew ma' Kristu li nsibuhom madwar 34 darba f'din l-ittra: "Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba. Iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ġesù Kristu" (Ef 1:4-5); "Imma Alla,

għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna, meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma' Kristu - bi grazzja intom salvi" (Ef 2:4-5).

Kristu bħala l-kap tal-ħolqien u tal-Knisja huwa dak li jġib ir-rikonċiljazzjoni: "Kristu huwa s-sliem tagħna, hu, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed, billi ġarraf il-ħajt li kien jifridna" (Ef 2:14).

## Il-Knisja bħala l-Ġisem ta' Kristu

Kristu huwa r-Ras tal-Knisja u l-Knisja hija l-Ġisem Tiegħu. Hawnhekk naraw ir-rabta li hemm bejn il-kristoloġija u l-ekkleżjoloġija pawlina. Il-Knisja għalhekk narawha tinbena fil-Ġisem ta' Kristu li tagħha huwa r-Ras: "Fih il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej; fih, intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew flimkien f'dar fejn jgħammar Alla." (Ef 2:21-22); "Imma waqt li nagħmlu s-sewwa fl-imħabba, nikbru f'kollox fih, f'dak li hu r-Ras, Kristu. Fih il-ġisem kollu isib ir-rabta u l-għaqda tiegħu permezz tal-għekiesi kollha li jservuh skont il-ħidma ta' kull waħda minnhom, biex jikber fih innifsu u jinbena fl-imħabba" (Ef 4:15-16).

Bħalma fil-ġisem hemm membri differenti li lkoll huma f'ġisem wieħed, hekk ukoll fil-Knisja ta' Kristu hemm diversi ministeri: "U huwa dak li ta lil xi wħud li jkunu appostli, lil xi wħud profeti, lil xi wħud evanġelisti, lil xi wħud rgħajja u mgħallmin: Hekk jitrawmu l-qaddisin għax xogħol tal-ħidma tagħhom għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu" (Ef 4:11-12). Fil-Knisja magħquda ma' Kristu kulħadd huwa msejjaħ għall-għaqda u għall-imħabba: "biex skont il-għana tal-glorja tiegħu, jagħtikom li permezz tal-Ispirtu tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa, u li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom. B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, il-għoli u l-fond ta' l-imħabba ta' Kristu; tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla" (Ef 3:16-19); "Ħabirku biex iżżommu Spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem: ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda; Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda" (Ef 4:3-5).

## Konklużjoni

San Pawl juri mela f'din il-ittra, il-kobor ta' Kristu u tal-familja tal-Knisja u għalhekk fl-aħħar ta' l-ittra jħeġġeġ il-għaqda fil-familja (ara l-kodiċi tal-familja f'Ef 5:22-23) u l-qawwa quddiem it-tfixkil: "Żommu sħiħ, mela, ħażżmu ġenbejkom bil-verità, ilbsu l-kurazza tal-ġustizzja, u xiddu riġlejkom bil-ħeġġa ta' l-Evanġelju tas-sliem; ħudu f'idejkom it-tarka tal-fidi; li biha tistgħu titfu l-vleġeġ kollha tan-nar tal-Ħażin; ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla tal-Ispirtu, li hi l-Kelma ta' Alla." (Ef 6:14-

17). Nitolbu b'dan l-istess spirtu, ħalli l-familji tagħna jkunu evanġelizzati permezz tad-diversi missjunarji fil-Missjoni Djoċesana, taħt il-protezzjoni tal-Kap tal-Familja Mqaddsa ta' Nazaret, San Ġużepp u Marija Santissima; ikunu dejjem imsaħħa permezz tal-Kelma ta' Alla u mħarsa mit-tnassis tal-għedewwa ta' kull ħażen li jridu jkissru l-ordni veru u l-armonija tal-familja.

## Biblijografija


Arnold, C.E., "Lettera agli Efesini", in G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), *Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, Torino 2000, 488-504.

Bouttier, M., *L'epitre de Saint Paul aux Ephesiens*, Geneve 1991.

Buckley, T.W., *Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul*, Boston (MA) 1981.

Donfried, K.P., "Rethinking Paul: On the Way Toward a Revised Paradigm", *Biblica* 87/4 (2006) 582-594.

Giordani, I., *St. Paul. Apostle and Martyr*, Boston (MA) 1981.

Gnilka J., *Der Epheserbief*, HTKNT X/2, Freiburg 1971.

Hadjifoti, L.I., *Saint Paul. His Life and Work*, Athens 2004.

Moreschini, C. – Norelli, E., "The Letters of Paul and of the Pauline Tradition", in *Early Christian Greek and Latin Literature: A Literary History*, Peabody (MA) 2005.






# KIF KRISTU SAR IL-QASSIS IL-KBIR (I) (LHUD 2, 17-18)

*Mons. Lawrenz Sciberras*

F'din is-sensiela ta' artikli se nagħtu ħarsa lejn Kristu bħala l-qassis il-kbir ta' dejjem skont l-ittra lil-Lhud. Biex wieħed jasal għal dan, naturament wieħed irid jibda mit-Testment il-Qadim, imbagħad jgħaddi għall-Ġdid. Ir-riżultati ta' din ir-riċerka huma tassew profondi, sbieħ u li jqawwulek il-fidi fi Kristu feddej tagħna.

## Daħla

L-isem ta' Ġesù minħabba l-misteru ta' Għid, jiġifieri il-passjoni, il-mewt u l-qawmien, u t-tlugħ tiegħu fis-sema dan l-isem jiġbor fih żewġ aspetti, liema aspetti ma tistax tifridhom minn xulxin. Dawn huma: (a) Kristu li huwa Iben Alla, (b) Kristu huwa wkoll ħuna l-bnedmin. Dan huwa isem wisq aktar eċċellenti u għoli minn dak tal-anġli. Għaliex Kristu huwa wisq aktar magħqud: (a) ma' Alla missieru, kif ukoll (b) magħna l-bnedmin. Ħalli però naraw kif u għaliex l-awtur tal-ittra lil-Lhud jasal biex isejjaħ lil Ġesù "il-qassis il-Kbir".

## Is-saċerdozju ta' Kristu.

Fl-aħħar tal-kapitlu 2,17, l-awtur jikteb hekk: "Għalhekk kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox biex ikun il-qassis il-kbir, ħanin u fidil f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla". Din l-affermazzjoni dwar is-saċerdozju ta' Kristu dejjem min-naħa ta' l-ittra lil-Lhud hija xi ħaġa ġdida, anzi ġdida ħafna. Aħna mdorrijin nitkellmu mis-saċerdozju ta' Kristu, u neħduha xi ħaġa *for granted*, mela donnu xejn ġdid! Imma jekk wieħed jeżamina t-Testment il-Ġdid jinduna li l-ewlenin Insara qatt ma għamlu dan. Fil-Vanġelu nsibu bosta titli għal Kristu. Eżempju, mgħallem, profeta, rabbi, iben David, Iben il-bniedem, Iben Alla. Imma qatt ma nsibu t-titlu ta' qassis!

It-tradizzjoni evanġelika tuża biss dan it-titlu għas-saċerdozju levitiku, u fil-maġġoranza tal-każijiet dawn dejjem huma ostili għal Kristu. Ukoll San Pawl ma juża qatt it-titlu ta' qassis il-kbir la għal Ġesù u anqas għal oħrajn, minkejja li Pawlu għandu tant innijiet Kristoloġiċi profondi u għoljin fit-tagħlim tagħhom.

## Ġesù ġej mit-tribù ta' Ġuda

Skont il-liġi ta' Mosè, l-membri ġejjin biss mit-tribù ta' Levi setgħu jsiru qassisin. Ġesù kien ġej mit-tribù ta' Ġuda, mela ma kienx qassis skont din il-liġi. Matul ħajtu Ġesù ma ppreżenta qatt lilu nnifsu bħala qassis, u anqas biex iħaddem il-funzjoni saċerdotali. Il-ministeru ta' Ġesù kien biss wieħed ta' profeta, mela li jgħallem jew sapjenzjali jfisser it-tagħlim bis-setgħa. Hekk wieġeb Ġesù lil Anna: "Jiena tħaddidt fil-beraħ, quddiem kulħadd. Għallimt dejjem fis-sinagoga u



fit-tempju fejn jinġabru l-Lhud kollha, u bil-moħbi ma għedt xejn" (Ġw 18,20).

Il-qassis tat-Testment il-Qadim kien il-bniedem tat-tempju, il-bniedem tas-sagrifiċċju ritwali. Ġesù qatt ma daħal u la fil-parti tan-nofs tat-tempju fejn ta' kull filgħodu u fil-għasar kien jidħol qassis biex joffri l-inċens, u wisq anqas fil-parti ta' ġewwa nett imsejħa s-Santwarju, fejn kien hemm l-arka tal-patt; daħal iva fil-bitħa tat-tempju, minn fejn keċċa il-bejjiegħa, imma qatt fil-binja l-qaddisa. Ukoll huwa qatt ma offra ebda kwalità ta' sagrifiċċju; u la dak olokawst, la dak tas-sliem u anqas dak ta' tpattija. Mela Ġesù wkoll bil-fatti wera li hu ma kienx qassis.

## Il-profeti u l-qassisin

Matul il-predikazzjoni tagħhom, bosta drabi l-profeti jeħduha mal-qassisin dwar il-kwalità ta' kult li kienu jitbħu fuq il-mitbaħ tat-tempju. Hekk Isaija: "X'jiswieli l-kotra tas-sagrifiċċji tagħkom? Jgħid il-Mulej. Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq tal-bdabad, u mix-xaħam tal-bhejjem smien. Id-demm tal-gniedes u l-ħrief, u tal-imtaten ma jogħġobnix". "Iġġibux iżjed offerti fiergħa; sirt nistkerrħu l-bħur, ma niflaħx għall-ħażen flimkien mal-festi" (Is 1,11.13).

Ġesù ta' mgħallem li kien kompla fuq din il-linja! Bi kliem ċar u ta' ċerta insistenza, Ġesù ħadha kontra l-idea żbaljata ta' qdusija fejn tidħol il-għażla. Waqt il-kontroversja dwar l-indafa ritwali, Ġesù wera li l-vera reliġjon ma tikkonsistix fir-riti ta' separazzjoni, jew fir-ritwali dwar il-ħasil minn barra u daqshekk. Ġesù warrab dan ir-raġunament kollu kemm hu battal: "Ma hemm xejn minn barra li meta jidħol fi bniedem itebbgħu; imma dak li joħroġ minn ġol-bniedem, dak hu li jtabba' lill-bniedem" (Mk 7,15).

Hawn Ġesù elimina darba għal dejjem kull forma ta' preokkupazzjoni żejda dwar l-indafa ritwali. Żmien dan kollu kien għadda u kellu bżonn li jintesa darba għal dejjem issa.

## Ġesù u s-Sibt

Ma' dan l-istess raġunament hemm l-inizjattivi li ħa Ġesù f'kuntrast mal-ħarsien tas-Sibt. Il-ġrajjiet fil-Vanġelu huma ħafna. F'dan ir-rigward fil-Vanġelu ta' Mattew, Ġesù jikkwota dikjarazzjoni divina dwar il-kunċett forsi ġdid tas-saċerdozju. Il-profeta Hosegħa jgħallem hekk: "Għaliex jien tjieba rrid, mhux sagrifiċċju; li tagħrfu 'l Alla rrid, u mhux vittmi maħruqa! (Hos 6,6).

Bejn żewġ metodi kif taqdi u tqim lil Alla, jiġifieri (a) wieħed bis-sagrifiċċi tal-ħruq tal-bhejjem u (b) l-ieħor dwar ir-relazzjoni umana, Ġesù għażel dan tat-tieni. Ġesù kien jaf u kien żgur li Alla ħniena jrid, jiġifieri l-preokkupazzjoni tar-relazzjonijiet mal-persuni u ma' dawk l-aktar fil-bżonn. Mela f'ħajjet Ġesù, ma hemm xejn x'jidher li huwa qassis.

## Il-mewt ta' Ġesù

X'ngħidu mela għall-mewt ta' Ġesù? Mhix forsi mewt sagrifikali, mela wkoll

saċerdotali? It-tweġiba neħduha dejjem skont f'liema żmien wieħed iħares lejn din il-mewt. Illum meta nafu bl-iżvilupp ukoll teoloġiku nikkonkludu li iva, jiġifieri mewta sagrifikali: Imma fi żmien Ġesù, it-tweġiba hija waħda negattiva. Il-karattru sagrifikali tal-mewt ta' Ġesù ma setax jinftiehem skont dik il-mentalità. Difatti il-ġrajja tal-Kalvarju ma kellha xejn minn sagrifiċċju ritwali. Pjuttost kollox kien il-kontra. Bl-għajnejn ta' din id-dinja il-mewt ta' Ġesù kienet meqjusa bħala saħta, mewta ta' telfa totali: "Wieħed imdendel huwa saħta ta' Alla" (Dt 21,23). Dan l-istess ħsieb ta' stmerrija jitkellem minnu wkoll San Pawl fl-ittra lill-Galatin: "Misħut min ikun imdendel mal-għuda" (3,13).

Il-mewt ta' Ġesù kienet piena, kastig legali, it-twettiq ta' kundanna għall-mewt maħruġa minn prokuratur ruman: Fil-każ tagħna Ponżju Pilatu. Piena legali hija l-oppost ta' sagrifiċċju ritwali. Għalhekk fil-ġrajja tal-mewt ta' Ġesù hemm dejjem nuqqas ta' vokabularju sagrifikali u saċerdotali.

## L-ittra lil-Lhud

Minkejja din is-sitwazzjoni, l-Ittra lil-Lhud tipproklama li Ġesù huwa qassis, anzi l-qassis il-kbir, il-veru u l-uniku wieħed. Din l-ittra kompliet tiżviluppa dan il-ħsieb fid-dawl tal-Iskrittura. Bħala ġrajja storika, il-misteru ta' Kristu laħaq il-milja tiegħu (1) fil-passjoni, (2) fil-glorifikazzjoni u (c) fl-għotja tal-Ispirtu s-Santu. Però l-interpretazzjoni ta' dan kollu kellha tikber u tiżviluppa bil-mod il-mod mal-mixja taż-żmien.

Ta' min ikompli jgħid kif l-awtur tal-Ittra lil-Lhud diġà skopra fis-salm 109/110 l-aspett saċerdotali tal-misteru ta' Kristu. "Ħalef il-Mulej u ma jisgħobx bih: Int qassis għal dejjem bħal Melkisedek". L-aspett saċerdotali tal-ministeru ta' Kristu, u li dan ma setax jonqos, għaliex fost id-diversi tradizzjonijiet tat-Testment il-Qadim wieħed ma jistax jinnega li s-saċerdozju kellu post importanti ħafna. Il-qassis ċertament huwa wieħed mill-aspetti prinċipali tar-rivelazzjoni biblika u dan huwa naturali għaliex il-vokazzjoni ta' Israel kienet dik li jkun il-poplu ta' Alla u l-funzjoni tas-saċerdot hija preċiżament dik li jassigura ir-relazzjoni tal-poplu ma' Alla tiegħu: Għalhekk mela kellu bżonn li l-qassis jindiehes dejjem aktar mal-poplu ta' Alla.





# KELMIET ALLA FIL-ĦOLQIEN FL-EŻORTAZZJONI APOSTOLIKA *VERBUM DOMINI*

***P. Marcello Ghirlando ofm***

Fl-ewwel parti tal-Eżortazzjoni Apostolika l-Papa jitkellem fuq in-novità tar-rivelazzjoni biblika: Alla juri lilu nnifsu għax jixtieq joħloq djalogu magħna. Jikkwota l-kliem tal-Kostituzzjoni Dommatika fuq ir-Rivelazzjoni Divina, *Dei Verbum* 2: "Alla li ma jidhirx fl-imħabba kbira tiegħu jitkellem mal-bnedmin bħal ħbieb u jgħix magħhom biex jistedinhom

u jdaħħalhom f'għaqda miegħu". Għax Alla jiddjaloga b'imħabba eterna permezz tal-Verb tiegħu, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, u jsejjaħ lill-bniedem biex iwieġeb u jingħaqad miegħu.

Interessanti huwa dak li jikteb il-Papa fin-numru 7 tal-Eżortazzjoni Apostolika. Ifakkar dak li ngħad mill-membri tas-Sinodu fuq il-modi differenti ta' kif nistgħu ninqdew bil-frażi "il-Kelma ta' Alla". Huma tkellmu "mis-sinfonija tal-kelma", kelma unika li tiġi espressa b'diversi modi, f'dik li sejħulha "innu polifoniku". L-espressjoni "Kelma ta' Alla", filwaqt li tirreferi għal Alla li jikkomunika lilu nnifsu, għandha wkoll diversi tifsiriet.

Il-Papa jelenka ħames tifsiriet prinċipali: l-ewwel u qabel kollox, kif juri l-Prologu tal-Vanġelu ta' San Ġwann, *Logos, Kelma,* jirreferi għall-kelma eterna, l-Iben il-Waħdieni, il-Verb li kien ma' Alla, il-Verb li hu Alla. Din il-Kelma, dan il-Verb "sar bniedem u għammar fostna" (Ġw 1, 14); mela Ġesù Kristu, li twieled minn Marija Verġni, huwa tassew il-Kelma, il-Verb li sar bniedem bħalna f'kollox. Mela l-espressjoni "Kelma ta' Alla" hawnhekk tirreferi għal persuna ta' Ġesù, l-Iben etern tal-Missier, magħmul bniedem għalina.

It-tieni tifsira li tingħata lill-"Kelma ta' Alla" hija marbuta mal-ħolqien. Il-ġrajja ta' Ġesù Kristu hija l-qofol tar-rivelazzjoni divina, imma rridu niftakru li l-ħolqien, dak li ssejjaħ "il-ktieb tan-natura", huwa parti essenzjali ta' din is-sinfonija ta' ilħna li bihom titlissen l-unika Kelma.

It-tielet tifsira nsibuha fl-istorja tas-salvazzjoni. Il-Papa jfakkarna li aħna nistqarru l-fidi tagħna f'Alla li waslilna l-Kelma tiegħu fid-damma tal-istorja tal-fidwa; semma leħnu; bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, bħalma nistqarru spiss fil-Kredu, "tkellem b'fomm il-profeti". Il-Kelma ta' Alla taslilna fil-ġrajjiet kollha tal-istorja tas-salvazzjoni li ssib il-qofol tagħha fil-misteru tal-inkarnazzjoni, il-mewt u l-qawmien tal-Iben ta' Alla.

Ir-raba' tifsira li tingħata hija dik marbuta mal-kelma li xandru l-Appostli fuq il-kmand tal-Mulej Irxoxt: "Morru fid-dinja kollha u xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu" (Mk 16, 15). B'hekk il-kelma ta' Alla hija mgħoddija fit-tradizzjoni ħajja tal-Knisja.

Meta ngħidu "Kelma ta' Alla", fl-aħħarnett inkunu qed nitkellmu mill-Iskrittura Mqaddsa, l-Antik u l-Ġdid Testment miktuba bil-qawwa tal-ispirazzjoni tal-Ispirtu s-Santu. Il-Papa hawnhekk iżid konsiderazzjoni importanti: "Dan kollu jgħinna biex naraw li, filwaqt li fil-Knisja nagħtu qima kbira lill-Iskritturi Mqaddsa, il-fidi Nisranija mhijiex "reliġjon tal-ktieb": il-Kristjaneżmu huwa "reliġjon tal-Kelma ta' Alla, mhux ta' kelma miktuba u siekta, imma tal-Kelma inkarnata, tal-Kelma ħajja". Hu għalhekk li t-tifsiriet kollha tal-espressjoni "Kelma ta' Alla" isibu s-sens veru tagħhom meta huma mlaqqma fiċ-ċentralità tal-persuna ta' Kristu.

## Id-dimensjoni kożmika tal-kelma

Nixtieq nieqaf ftit u nirreferi għal dak li jikteb il-Papa fin-numru 8 tal-Eżortazzjoni Apostolika. Bih jiżviluppa it-tieni sens tal-espressjoni "Kelma ta' Alla": jitkellem mid-dimensjoni kożmika tal-kelma.

Jekk is-sens bażiku ta' "Kelma ta' Alla" jirreferi għal Verb etern ta' Alla magħmul bniedem, għal Ġesù il-Feddej u l-uniku medjatur bejn Alla u l-bniedem, u nisimgħu din il-kelma, niġu mmexxija mir-rivelazzjoni biblika biex nikkontemplaw li dan il-Verb huwa l-pedament tar-realtajiet kollha. Hu għalhekk li San Ġwann jistqarr: "kollox sar permezz tiegħu, u xejn ma sar mingħajru"(Ġw 1, 3). San Pawl jistqarr l-istess fl-innu kristoloġiku li nsibu fl-Ittra lill-Kolossin: "Hu l-kbir fost il-ħlejjaq kollha; għax fih kien maħluq kollox...kollox bih u għalih kien maħluq" (Kol 1, 15-17). Anke l-awtur sagru tal-Ittra lil-Lhud jistqarr: "Hu permezz tal-fidi

li aħna nemmnu kif Alla ħoloq id-dinja bil-kelma tiegħu, hekk li minn dak li ma narawx sar dak li jidher" (Lhud 11, 3).

Il-Papa jiddeskrivi dawn il-vrus bħala xandira ta' kelma ta' ħelsien. Għax l-Iskrittura turina li dak kollu li jeżiżti ma jeżiżtix b'kumbinazzjoni imma skont ir-rieda u l-pjan ta' Alla. U fiċ-ċentru ta' dan il-pjan hemm l-istedina li nieħdu sehem fil-ħajja divina offruta lilna minn Kristu. Il-ħolqien jitwieled mill-*Logos*, mill-kelma u għandu l-marka tar-Raġuni kreattiva li tmexxiha. Hu għalhekk li s-salmi jgħannu: "Bil-kelma tal-Mulej saru s-smewwiet u b'nifs fommu t-tiżjin tagħhom...hu tkellem u hi saret (Salm 33, 6.9) Ir-realtà kollha tesprimi dan il-misteru, kif insibu f'Salm 19, 1: "Is-smewwiet ixandru l-glorja ta' Alla, għemil idejh tħabbar il-firxa tas-sema". Hu għalhekk li l-Iskrittura Mqaddsa tistedinna nagħarfu l-Ħallieq fil-kontemplazzjoni tal-ħolqien.

Hawnhekk il-Papa jagħmel riferenza għal żewġ testi bibliċi sbieħ immens. Kemm l-awtur sagru tal-Ktieb tal-Għerf, kif ukoll San Pawl fl-Ittra tiegħu lir-Rumani, jitkellmu mill-grazzja li wieħed jista' jagħraf lill-Ħallieq permezz tal-ħolqien. Fil-każ tal-Ktieb tal-għerf, l-awtur sagru jitkellem mill-bluha tal-pagani li ma għarfux lil Alla permezz tal-ħolqien; San Pawl jitkellem mid-dnub tal-pagani li, anke jekk setgħu għarfu lil Alla mill-ħolqien, ma tawx il-qima li tixraqlu. "Għax fil-kobor u l-ġmiel tal-ħlejjaq jingħaraf, bħal fi xbieha, Dak li jagħmilhom" (Għerf 13, 5). "Għax dak li wieħed jista' jagħraf minn Alla kien, iva, irrivelat lilhom; Alla stess urihulhom. Il-kobor tiegħu li ma jidhirx, jiġifieri s-setgħa tiegħu ta' dejjem, u d-divinità tiegħu, huma setgħu jagħrfuh sa mill-ħolqien tad-dinja, permezz tal-ħlejjaq, u għalhekk ma għandhom ebda skuża" (Rum 1, 19-20).

Hawnhekk il-Papa ifakkar it-tagħlim tad-Duttur Franġiskan San Bonaventura. Dan, imlaqqam fit-tradizzjoni ta' Missirijiet il-Knisja Griegi, stqarr: "kull ħlejqa hija kelma ta' Alla, għaliex kull ħlejqa xxandar lil Alla". Il-Kostituzzjoni Dommatika *Dei Verbum* 3, hekk tistqarr: "Alla li jaħlaq u jżomm il-ħlejjaq kollha permezz tal-Verb, jagħti lill-bnedmin fil-ħwejjeġ maħluqa xhieda, li ma tiqafx, tiegħu nnifsu".

Fin-numru 9 il-Papa japplika dan id-diskors għall-bniedem. Alla ħalaq il-bniedem fuq is-sura u x-xbiha tiegħu, raġel u mara ħalaqhom. B'hekk il-bniedem ġie mżejjen b'doni tal-għaġeb: il-valur tal-ġisem, id-don tar-raġuni, il-libertà u l-kuxjenza. Fid-dawl tal-Kelma ġie mżejjen b'liġi naturali miktuba fuq il-qalb tal-bniedem, liġi li tiġi ipperfezjonata bid-dawl tal-Vanġelu mogħti minn Kristu nnifsu.

Hekk jikteb il-Papa: "Ir-realtà hija mwielda mill-kelma, bħala *creatura verbi*, u kollox hu msejjaħ biex jaqdi lill-Kelma. Il-ħolqien huwa l-kuntest li fiha l-istorja kollha tal-imħabba bejn Alla u l-ħolqien tiżviluppa; għalhekk is-salvazzjoni tal-bniedem hija r-raġuni li tinsab f'kollox. Meta nikkontemplaw id-dinja mill-perspettiva tal-istorja tas-salvazzjoni, nagħrfu l-posizzjoni unika u singulari li għandu l-bniedem fil-ħolqien: "Alla ħalaq il-bniedem fuq xbihietu, fuq xbihat Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom" (Ġen 1,27). Dan jgħinna nagħrfu b'mod sħiħ id-doni prezzjużi li rċevejna mingħand il-Ħallieq: il-valur ta' ġisimna, il-libertà u l-kuxjenza. Hawnhekk niskopru dak li t-tradizzjoni filosofika tgħidilha "il-liġi naturali". Fil-fatt, kull persuna umana li tasal għall-għarfien u għar-responsabilità tesperjenza sejħa interjuri biex tagħmel it-tajjeb u tevita l-ħażen. Kif jistqarr San Tumas t'Akwinu, dan il-prinċipju huwa l-bażi tal-preċetti kollha tal-liġi naturali. Is-smigħ tal-Kelma ta' Alla jmexxina l-ewwel u qabel kollox biex napprezzaw il-bżonn li ngħixu skont din il-liġi "miktuba fuq qalb il-bniedem" (ara: Rum 2, 15; 7, 23). Ġesù Kristu mbagħad jagħti lill-bnedmin il-liġi l-ġdida, il-liġi tal-Vanġelu, li

tipperfezzjona l-liġi naturali u teħlisna mil-liġi tad-dnub li ġġegħelna nistqarru ma' San Pawl: "Nixtieq dak li huwa tajjeb, imma ma nasalx nagħmlu" (Rum 7, 18). Il-liġi l-ġdida tagħti l-qawwa lill-bnedmin biex jieħdu sehem mill-ħajja divina u jirbħu l-eġoiżmu permezz tal-grazzja.

## Ir-realiżmu tal-Kelma

Dan id-diskors kollu jwassal lil Papa jikkonkludi billi jagħmel riflessjoni fuq ir-realiżmu tal-kelma. Jgħid li dawk kollha li jagħrfu l-kelma ta' Alla jifhmu aħjar is-sens ta' kull ħlejqa. Għax jekk kollox "iżomm" f'dak li hu "qabel kollox" (ara: Kol 1, 17), dawk li jibnu ħajjithom fuq il-kelma tiegħu jibnu fis-sod.

Il-Kelma ta' Alla tibdel il-kunċett ta' realiżmu: ir-realist huwa dak li jagħraf fil-kelma ta' Alla l-pedament ta' kollox. Dan huwa realiżmu tant meħtieġ għal żminijietna, meta ħafna affarijiet li fihom nafdaw biex nibnu ħajjitna u nqiegħdu fihom tamietna, juru li jgħaddu malajr. Il-ħwejjeġ materjali, il-pjaċir u l-poter juru, illum jew għada, li mhumiex kapaċi jimlew ix-xenqat l-aktar profondi tal-qalb tal-bniedem. Neħtieġu pedamenti sodi għal ħajjitna. "Għal dejjem, Mulej, il-kelma tiegħek; hi mwaqqfa fis-sod fis-smewwiet" u l-fedeltà tal-Mulej "tibqa' għal dejjem" (Sal 119, 89-90). Kull min jibni fuq din il-kelma, jibni d-dar ta' ħajtu fuq il-blat (ara: Mt 7, 24).

Il-Papa jagħlaq b'xewqa li ssir talba: "Jalla qalbna tkun tista' tgħid lil Alla kuljum: "Inti l-kenn u t-tarka tiegħi; fil-kelma tiegħek jien nittama" (Salm 119, 114), u li, bħal San Pietru, nafdaw lilna nfusna fl-azzjonijiet ta' kuljum lill-Mulej Ġesù: "Fuq il-kelma tiegħek, ħa nkala x-xbiek" (Lq 5, 5).





# IL-LHUD FL-EVANĠELJU SKONT SAN MATTEW (1)

***Rev. Dr Martin Micallef ofm cap***

Meta naqraw l-Evanġelju skont San Mattew ma nistgħux ma nduqux mit-toma qawwija Lhudija li joffrilna. Dan jinħass l-aktar fil-frekwenza ta' kwotazzjonijiet mit-Testment il-Qadim li nsibuhom inferrxin man-narrattiva ta' dan l-Evanġelju, xi ħaġa li tindika li l-udjenza li għalih inkiteb dan l-Evanġelju, fil-parti l-kbira tagħha, kienet midħla sewwa tat-Testment

il-Qadim.[1] Min-naħa l-oħra, iżda ma nistgħux ma ninnutawx ukoll li ħafna mill-materjal li jirreferi għal-Lhud f'dan l-Evanġelju hu akkumpanjat min-nota ta' kritika u polemika.[2] Dan wassal lil bosta studjużi sabiex jaslu għal xi konklużjoni ta' x'setgħu kienu l-intenzjonijiet ta' dan l-Evanġelista.

F'din l-ewwel parti ta' żewġ artikli li se nippubblikaw, se nippruvaw naraw kif San Mattew jitkellem fuq il-Lhud fin-narrattiva tiegħu biex imbagħad inkunu nistgħu nisiltu l-konklużjonijiet tagħna.

## Komunità Lhudija

Xi wħud mill-istudjużi ta' dan l-Evanġelju huma tal-fehma li l-komunità nisranija li għaliha nkiteb dan l-Evanġelju kienet għadha ma qatgħetx ir-rabtiet kollha mill-kumplament tal-Ġudaiżmu wara s-sena 70 W.K., meta jidher li nkiteb dan l-Evanġelju.[3] Dawn l-istudjużi jqisu l-komunità wara dan l-Evanġelju, bħala grupp jew 'setta' fi ħdan il-Ġudaiżmu, bħalma kienet is-setta tal-Esseni, fejn il-Liġi ta' Mosè kienet tokkupa post ċentrali. Dan jidher tajjeb mix-xhieda tal-Evanġelju stess, speċjalment fid-Diskors tal-Muntanja li jagħti importanza kbira lil-Liġi.[4]

Il-fatt li l-komunità ta' San Mattew kienet għadha parti mill-Ġudaiżmu tal-Ewwel Seklu jidher minn testi bħal Mt 10,5 li jirrifletti missjoni tad-dixxipli marbuta ma' territorju Lhudi: "Lil dawn it-tnax Ġesù bagħathom b'dawn l-ordnijiet: 'Taqbdux triq il-pagani, u tidħlux f'belt is-Samaritani, imma qabel xejn morru fittxu n-ngħaġ il-mitlufa tad-dar ta' Iżrael.'"

Għandna mbagħad 23,2-3 fejn Ġesù jgħid: "Fuq il-katedra ta' Mosè qagħdu l-kittieba u l-Fariżej. Mela kulma jgħidulkom huma agħmluh u ħarsuh, iżda tagħmlux kif jagħmlu huma." Huwa diffiċli tifhem kif Mattew inkluda din is-sentenza fl-Evanġelju tiegħu li kieku l-komunità li għaliha kiteb kienet inqatgħet għal kollox mill-kumplament tal-Ġudaiżmu.

Minkejja l-qawwa ta' argumenti bħal dawn, numru ta' studjużi oħra juruna li l-Evanġelju juri stampa li teħodna fid-direzzjoni opposta, jiġifieri, li l-komunità ta' San Mattew kienet inqatgħet għal kollox mill-kumplament tal-Ġudaiżmu.[5] Hemm ħames punti importanti fin-narrattiva ta' San Mattew li jeħduna f'din id-direzzjoni.

## Kittieba u Fariżej

L-ewwel punt li jindika li l-komunità li għaliha kiteb San Mattew kienet inqatgħet mill-kumplament tal-Ġudaiżmu hija l-preżentazzjoni tal-mexxejja reliġjużi Lhud, b'mod partikulari, il-kittieba u l-Fariżej. Dawn kontinwament huma ippreżentati f'mod negattiv f'dan l-Evanġelju.[6] Ma nsibux, per eżempju, f'San Mattew, Fariżej ħbieb ta' Ġesù, li skont Lq 7,36 u 14,1 jistiednu lil Ġesù sabiex jiekol għandhom. Ma nsibu lanqas ir-referenza għall-Fariżej li jwissu lil Ġesù li Erodi ried joqtlu bħalma nsibu f'Lq 13,31. Il-kittieb ippreżentat b'mod pożittiv f'Mk12,28 isir Fariżew ostili li ried iġarrab lil Ġesù f'Mt 22,35.

Quddiem dan kollu, mhijiex sorpriża li lejn tmiem id-Diskors tal-Muntanja, Mattew ifittex li jwessa' d-distanza bejn Ġesù u l-kittieba billi jżid il-kelma 'tagħhom' qabel ir-referenza għall-'kittieba': "għax hu kien jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba *tagħhom*" (Mt 7,28).[7]

F'Mt 9,18-26, l-Evanġelista Mattew jerġa' jirrevedi l-preżentazzjoni ta' Ġajru kif sabha f'San Mark. Dan tal-aħħar jirreferi għal Ġajru erba' darbiet bħala "kap tas-sinagoga"[8] F'San Mattew, Ġajru jibqa' mpinġi bħala bniedem ta' fidi, imma huwa jitlef ismu u jsir sempliċiment "wieħed mill-kapijiet."[9] Lanqas ma hemm indikazzjoni li dan kellu xi rabta mas-sinagoga kif naqraw f'Marku.

Għandna mbagħad l-episodju tal-fejqan tal-qaddej taċ-Ċenturjun.

Kemm Mattew kif ukoll Luqa jinkludu dan l-episodju,[10] b'danakollu, mhemm l-ebda indikazzjoni f'Mattew tan-nota li jagħtina Luqa, jiġifieri, li dan is-suldat: "jgħożż il-ġens tagħna, u kien hu li bnielna s-sinagoga" (Lk 7,5).

Fil-kuntest tan-narrattiva ta' Mattew, lill-kittieba u lill-Fariżej insibuhom fil-Galilija u f'Ġerusalemm, jiġru wara l-passi ta' Ġesù jippruvaw jaraw kif jaqbduh f'xi nassa.[11] Huma jiskandalizzaw ruħhom bit-tagħlim ta' Ġesù: "Resqu lejh imbagħad id-dixxipli u qalulu: 'Taf li l-Fariżej skandalizzaw ruħhom meta semgħu din il-kelma?'" (15,12). Huma jiġu ppreżentati bħala persuni li jaħsbu ħażin f'Gesù: "Ġesù għaraf x'kienu qegħdin jaħsbu, u qalilhom: 'Imma għaliex qegħdin taħsbu ħażin f'qalbkom? Għax x'inhu l-eħfef, tgħid, 'Dnubietek maħfura', jew tgħid, 'Qum u imxi'?" (9,4-5). Huma jakkużaw lil Ġesù li kien qed jidgħi: "Xi wħud mill-kittteba bdew jgħidu fihom infushom: 'Dan qiegħed jidgħi!'" (9,3). Aktar tard, huma jakkużaw lil Ġesù li kien maħkum mix-xitan: "Dan bis-saħħa tal-Prinċep tax-xjaten qiegħed ikeċċi x-xjaten" (9,34).[12]

Huma jattakkaw lil Ġesù għall-fatt li kien jiekol mal-midinbin: "Meta raw dan il-Fariżej qalu lid-dixipli: 'Għaliex jiekol mal-pubblikani u l-midinbin l-Imgħallem tagħkom" (9,11). Mhux biss, imma huma jippruvaw jaqbdu lil Ġesù fin-nassa b'mistoqsijiet bħal: "Jista' wieħed jitlaq lil martu fuq xi ħaġa, tkun xi tkun?'" (9,3) u "Int x'jidhirlek? Sewwa jew le li wieħed iħallas it-taxxa lil Ċesari?' Imma Ġesù għaraf il-ħażen ta' moħħhom, u qalilhom: 'Għaliex tridu ġġarbuni, ja wċuħ b'oħra?'" (22,17-19). Fl-aħħar imbagħad huma jfittxu li joqtluh: "U l-Fariżej ħarġu u bdew jitftiehmu bejniethom kontra tiegħu, kif se jeqirduh" (12,14).

Gesù, min-naħa tiegħu, iwieġeb għal dawn is-sitwazzjonijiet billi jgħajjar lill-kittieba u l-Fariżej b'titli ħorox. Hu jiddeskrivihom bħala: "uċuħ b'oħra",[13] "mexxejja għomja",[14] "nisel il-lifgħat",[15] filwaqt li jakkużahom li ma jgħixux dak li jipprietkaw,[16] u li "jortbu qatet kbar u tqal u jgħabbuhom fuq spallejn ħaddieħor, waqt li huma stess anqas b'sebagħhom wieħed ma jridu jħarrkuhom" (23,4),

Bħala riżultat għal dan, it-tmexxija tagħhom tissarraf filli huma jagħlqu s-Saltna tas-Smewwiet b'mod, li "la intom ma tidħlu fiha u lanqas tħallu lil ħaddieħor li jkun irid jidħol!" (23,13), u meta jirnexxielhom idawru lil xi ħadd għal magħhom "tagħmluh bniedem ħaqqu l-infern darbtejn aktar minnkom!" (v.15).

L-intensità ta' din il-polemika tidher li tirrifletti s-sitwazzjoni kontemporanja tal-Evanġelista, fejn il-kittieba u l-Fariżej kienu qed iħabbtu l-komunità nisranija li għaliha dan l-Evanġelista kiteb l-Evanġelju.[17]

## Is-Sinagoga

L-ostilità kontinwa li dan l-Evanġelista jesprimi lejn il-kittieba u l-Fariżej tinħass ukoll fir-referenzi għas-sinagogi. Dan iġibna għat-tieni punt fejn f'ħames testi, Mattew jirreferi għas-sinagoga bħala 'is-Sinagoga TAGĦHOM': "U dar il-Galilija kollha jgħallem fis-sinagogi *tagħhom ...*" (4,23); "Ġesù dar l-ibliet kollha u l-irħula jgħallem fis-sinagogi, ixandar l-Evanġelju tas-Saltna ..." (9,35); "Telaq minn hemm u baqa' sejjer fis-sinagoga *tagħhom*" (12,9); "U mar lejn pajjiżu. Beda jgħallem lin-nies fis-sinagoga *tagħhom*" (13,54); "Oqogħdu attenti mill-bnedmin! Għax għad jerħukom f'idejn il-qrati, jagħtukom is-swat fis-sinagogi *tagħhom ...*" (10,17).

Bl-eċċezzjoni ta' Mt 4,23 fejn Mattew jidher li kien qed jieħu minn Mk 1,39, dawn ir-referenzi jidhru li huma testi oriġinali ta' dan l-Evanġelista. Bl-inklużjoni tal-kelma 'tagħhom' li takkumpanja l-użu tal-kelma 'sinagoga', jidher mela li fi żmien San Mattew, is-sinagoga ma kinetx aktar il-post fejn jiltaqgħu l-insara li għalihom dan l-Evanġelista kiteb l-Evanġelju. San

Mattew ikompli jiżviluppa din it-tema tad-distanza bejn l-insara u s-sinagoga, permezz ta' tliet testi oħra li fihom is-sinagoga ssir il-post fejn dawk ta' wiċċ b'ieħor kienu jagħmlu spettaklu tal-ipokrisija tagħhom. "Meta tagħmel karità, tmurx iddoqq it-trombi quddiemek, kif jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor *fis-sinagogi* u fit-triqat, biex in-nies tfaħħarhom" (6,2); "U meta titolbu, tkunux bħal dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawk iħobbu joqogħdu jitolbu bilwieqfa *fis-sinagogi* u f'salib it-toroq, biex jidhru quddiem in-nies" (6,5); "Iħobbu l-postijiet ewlenin fl-imwejjed, u s-siġġijiet ta' quddiem fis-sinagogi" (23,6).

Dawn it-tliet testi filwaqt li jirriflettu l-atteġġjament tal-Fariżej, iservu wkoll ta' twissija ta' kif m'għandhiex tkun il-ħajja tad-dixxipli ta' Ġesù.

## Il-Knisja

F'kuntrast mas-sinagoga, San Mattew jitkellem mill-Knisja – *ekklesia*. Huwa dan l-Evanġelista biss, fil-fatt minn fost l-erbgħa, li fin-narrattiva tiegħu jagħmel użu mill-kelma 'Knisja' li tissemma għall-ewwel darba fl-istqarrija ta' Pietru f'Ċesarija ta' Filippu. Hawnhekk Ġesù jtenni: "Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni *l-Knisja* tiegħi" (16,18). Din il-kelma mbagħad insibuha użata darbtejn f'18,15-17 f'kuntest ta' dixxiplina komunitarja: "Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub, mur sibu waħdu u widdbu. Jekk jisma' minnek, tkun irbaħt lura lil ħuk. Jekk ma jismax, erġa' mur u ħu miegħek wieħed jew tnejn oħra, biex kulma jingħad jissaħħaħ bil-kelma ta' żewġ xhieda jew tlieta. Jekk imbagħad anqas minnhom ma jkun irid jisma' mur għid lill-*knisja*. U jekk anqas mill-*knisja* ma jkun irid jisma' żommu b'wieħed pagan u pubblikan."

F'dan it-test, li nsibuh biss f'Mattew, jidher ċar li qed niġu trasferiti mid-dinja tal-ministeru ta' Ġesù fil-Galilija



għall-ħajja tal-ewlenin insara li għalihom kien qed jikteb dan l-Evanġelista. Jidher li l-komunità ta' Mattew kienet qed tiżviluppa l-istrutturi tagħha b'mod indipendenti mis-sinagoga, bir-rit tagħha biex wieħed jidħol membru, ċioè, il-magħmudija minflok iċ-ċirkonċiżjoni.[18]

## Is-Saltna Tingħata Lil Poplu Ieħor

Ir-raba' argument li nistgħu nġibu li jindikalna li l-komunità ta' Mattew kienet inqatgħet mill-Ġudaiżmu, huwa dak mibni fuq testi li jitkellmu mit-'trasferiment' tas-Saltna tas-Smewwiet għall-poplu l-ġdid li kellu jinkludi fih ukoll lill-Pagani. F'Mt 8,11-12, per eżempju, naqraw li "dawk li twieldu fis-Saltna" se jeħdulhom posthom il-pagani: "Għad jiġu *ħafna mil-lvant u l-punent* u joqogħdu fuq il-mejda ma' Abraham u ma' Iżakk u ma' Ġakobb fis-Saltna tas-Smewwiet, waqt li *dawk li twieldu fis-Saltna* jitkeċċew 'il barra."

Din in-nota ssir esplicita fil-parabbola tal-għalqa u l-bdiewa li tispiċċa bil-mistoqsija ta' Ġesù: "'Issa sid l-għalqa x'jagħmlilhom lil dawk il-bdiewa meta jiġi?" Qalulu: 'Jeqridhom bla ħniena, ta' ħżiena li huma, u l-għalqa *jqabbilha lill-bdiewa oħra li jroddulu l-frott fi żmienu*.'" (21,39-41). Ġesù imbagħad ikompli: "Għalhekk ngħidilkom li s-Saltna ta' Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lil ġens li jagħmel frott minnha" (v.43).

Minħabba li din il-parabbola hija indirizzata lill-mexxejja reliġjużi Lhud nistgħu nifhmu li n-nota għall-bdiewa ħżiena li se tittiħdilhom il-għalqa hija referenza għalihom, filwaqt li "il-ġens ġdid" li lilu se tingħata l-għalqa hija referenza għall-Knisja li fi żmien l-Evanġelista kienet magħmula kemm minn Lhud kif ukoll Pagani li laqgħu u emmnu f'Ġesù bħala l-Messija.[19]

## Il-Qabar Vojt

L-aħħar argument li jindika li l-Evanġelju skont San Mattew joffri ħjiel li l-komunità li għaliha nkiteb kienet infirdet mill-Ġudaiżmu ta' żmienha hija l-istorja tal-qabar vojt ta' Ġesù. San Mattew huwa l-uniku Evanġelista li jirrapporta li mal-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet, dawk li kienu għassa mal-qabar "marru l-belt għand il-qassisin il-kbar u tawhom l-aħbar ta' kulma ġara" (28,11). L-Evanġelista jkompli jgħidilna li dawn il-mexxejja Lhud "ftiehmu bejniethom, u taw lis-suldati kemxa flus ġmielha u qalulhom: 'Għidu hekk, Ġew id-dixxipli tiegħu billejl u serquh waqt li konna reqdin'" (vv 12-13).

Wara dan il-kliem, l-Evanġelista jidħol direttament fl-istorja bħala kummentatur u jikteb: "U din il-biċċa xterdet hekk fost il-Lhud sal-ġurnata tal-lum" (v.15). Il-kliem "sal-ġurnata tal-lum" jeħodna direttament għaż-żmien l-Evanġelista, meta l-komunità tiegħu kienet għadha qed taffaċja l-qlajja' ta' dawk il-mexxejja Lhud li bdew jgħidu li Ġesù mhux veru qam mill-imwiet, imma biss ġie misruq!

Meta nqisu dawn il-ħames argumenti li ppreżentajna, jiġifieri, il-mod kif San Mattew jitkellem fuq il-kittieba u l-Fariżej, is-sinagoga, il-Knisja, it-trasferiment tas-Saltna tas-Smewwiet u l-qabar vojt, faċilment nikkonkludu li t-ton tal-kliem tiegħu fuq il-mexxejja Lhud mhuwiex wieħed sabiħ. Ir-referenzi li tkellimna fuqhom jagħtuna indikazzjoni li l-Knisja li għaliha kien qed jikteb San Mattew kienet inqatgħet mill-istrutturi tal-Ġudaiżmu, u li f'dan il-perjodu, il-mexxejja reliġjużi Lhud kienu għadhom qed iħabbtu lill-insara li għalihom inkiteb dan l-Evanġelju. Dan il-punt inkomplu niżviluppawh fit-tieni parti ta' dan l-artiklu.

## Referenzi

1 Dwar da nil-punt, ara, James M. Hamilton Jr, '*The Virgin Will Conceive*': *Typological Fulfillment in Matthew 1:18-23*, in *Built upon the Rock, Studies in the Gospel of Matthew*, edited by Daniel M. Gurtner and John Nolland, Grand Rapids/MI 2008, 228-247.

2 Għal studju tajjeb fuq noti kritiċi kontra l-Lhud fl-Evanġelju skont

San Mattew, ara, Ulrich Luz, *Anti-Judaism in the Gospel of Matthew as a Historical and Theological Problem: An Outline,* in *Studies in Matthew,* Grand Rapids/MI 2005, 243-261.

3 Għall-pożizzjoni ta' dawn l-istudjużi, ara, Anthony J. Saldarini, *Matthew's Christian-Jewish Community,* Chicago 1994.

4 Fuq l-importanza tal-Liġi fl-Evanġelju skont San Mattew, ara, Ulrich Luz, *The Fulfillment of the Law in Matthew (Matt 5:17-20),* in *Studies in Matthew,* Grand Rapids/MI 2005, 185-218.

5 Fost wieħed mill-aħjar studji li jieħu din il-pożizzjoni, ara, Graham N. Stanton, *A Gospel for a New People, Studies in Matthew,* Edinburgh 1992.

6 Fuq il-preżentazzjoni negattiva tal-mexxejja reliġjużi Lhud fl-Evangelju skont San Mattew, ara, Jack Dean Kingsburg, *Matthew as Story,* Philadelphia [2]1988, 115-127.

7 Ara l-kuntrast bejn din is-silta u Mk 1,22.

8 Ara Mk 5,22.35.36.38.

9 Ara Mt 9,18.23.

10 Ara Mt 8,5-13; Lq 7,1-10.

11 Fuq dan il-punt ara, John Nolland, *The Gospel of Matthew and Anti-Semitism,* in *Built Upon the Rock, Studies in the Gospel of Matthew,* edited by Daniel M. Gurtner and John Nolland, Grand Rapids/MI 2008, 154-169.

12 Ara wkoll Mt 12,24.

13 Ara Mt 15,7; 22.18.

14 Ara Mt 15,14; 23,16.

15 Ara Mt 12,34. Ara wkoll Mt 3,7.

16 Ara Mt 23,3.27-29.

17 Għal studju tajjeb fuq din il-konklużjoni ara, David C. Sim, *The Gospel of Matthew and Christian Judaism, The History and Social Setting of the Matthean Community,* Edinburgh 1988.

18 Ara Mt 28,19. Għal aktar tagħrif fuq l-użu tal-kelma 'knisja' – *ekklesia* – f'San Mattew, f'kuntrast mas-Sinagoga, ara Eduard Schweizer, *Matthew's Church,* in *The Interpretation of Matthew,* edited by Graham N. Stanton, Edinburgh [2]1995, 149-177.

19 Għal din l-interpretazzjoni ara, Rudolf Schnackenburg, *The Gospel of Matthew,* Grand Rapids/MI 2002, 209-212.





# L-EWKARISTIJA: L-GĦAJN TAL-MINISTERI FIL-KOMUNITÀ MILL-ĠRAJJA TA' GĦEMMAWS

*Fr Paul Sciberras*

Ir-rakkont tad-Dixxipli ta' Għemmaws irridu ninkwadrawh tajjeb fl-aħħar kapitlu tal-Evanġelju ta' Luqa. Wara l-qawmien tiegħu, Ġesù jidher lin-nisa, li kienu marru ħdejn il-qabar biex jidilku l-ġisem tiegħu. Il-fwejjaħ jgħaqqdu din l-ewwel xena wara l-qawmien ma' dik ta' qabilha, dik dwar il-passjoni: in-nisa jitilqu lura lejn djarhom biex iħejju l-fwejjaħ

u l-mirra għad-difna tal-Imgħallem tagħhom, maqtul fuq is-salib (23, 56).

Id-dell u l-qrusa tal-passjoni donnhom itulu fil-qlub tad-dixxipli, saħansitra tal-Appostli, tal-Ħdax. In-nisa kienu sejrin jidilku lil Ġesù mejjet, u jħalluh mejjet fil-qabar. Meta jidhrulhom iż-żewġt irġiel libsin l-abjad (simbolu tas-sehem mill-qawmien), "mimlijin bil-biża, baxxew għajnejhom lejn l-art". L-anġli jsaħħulhom qalbhom li dan kollu, inkluż il-passjoni, kien skont il-pjan ta' Alla. U huma jmorru jagħtu l-aħbar lill-Ħdax, imma kliemhom jitqies bħala thewdin mill-appostli! Pietru qam u mar b'ġirja lejn il-qabar, "imma ma rax ħlief faxex, u raġa' lura d-dar mgħaġġeb". Forsi ppretenda li jara l-ġisem mejjet ta' Ġesù? Forsi ppretenda li se jara lil Ġesù ħaj, imma xorta waħda fil-qabar?

Huwa biss wara din ix-xena li Luqa jirrakkonta l-ġrajja tad-Dixxipli ta' Għemmaws. Għax ma rrakkuntahiex qabel? Ried jagħtiha bħala l-aħħar dehra qabel jidher lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien biex jibgħathom ixandruh mad-dinja. Id-dehra lid-dixxipli (inklużi d-Dixxipli ta' Għemmaws) qabel il-missjoni hija mimlija kliem u espressjonijiet li jesprimu biża', qtigħ il-qalb, dubji ...

It-tqegħid ta' dan ir-rakkont fil-post preċiż fejn hu jiftħilna għajnejna, kif għamlet l-esperjenza liż-żewġ dixxipli ta' Għemmaws, għal dak li għandha tkun l-Ewkaristija għal kull wieħed u waħda minna. Jista' jkun li Luqa jagħti l-isem ta' wieħed biss miż-żewġ dixxipli għax l-anonimu kien il-mara ta' Kleofa (dik li tissemma fit-tradizzjoni ta' Ġwanni ħdejn is-salib ta' Ġesù: "kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, *Marija ta' Kleofa*, u Marija ta' Magdala" (Ġw 19, 25), jew biex kull dixxiplu ta' Ġesù jista' jħossu dixxiplu fit-triq lejn Għemmaws. Hu x'inhu: ir-rakkont ta' Għemmaws, mill-mod kif inhu mqiegħed, għandu dan l-iskop – l-Ewkaristija li niċċelebraw ma tkunx Ewkaristija jekk ma tiftaħniex għall-missjoni. Kemm iż-żewġ dixxipli u kemm id-dixxipli l-oħra li Ġesù jibgħat ixandru ismu kullimkien, isiru missjunarji wara li Luqa jirrakkonta l-ġrajja tal-għarfien ta' Ġesù fil-Qsim tal-Ħobż.

Imma propjament x'jifhem Luqa bi "Qsim tal-Ħobż"? "Kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż" (Lq 24, 35)? Qsim tal-Ħobż hija espressjoni li sa mid-*Didakhè*, kitba dwar it-tagħlim tal-Appostli li aktarx inkitbet fl-istess żmien tal-Evanġelju ta' Ġwanni, fis-sena 100 w.K., saret tfisser l-Ewkaristija. Ninnutaw li l-espressjoni hija "Qsim" tal-Ħobż. L-espressjoni bil-Grieg, kif twieldet, hija *klásis ártou*, mhux *klásma ártou*, "qsim tal-ħobż" mhux "kisra ħobż". Id-differenza qiegħda fil-fatt li *klásis* tfisser proċess, azzjoni li għadha għaddejja, waqt li *klásma* tfisser xi ħaġa bħala riżultat ta' azzjoni. F'dal-każ: effett ta' azzjoni ta' qsim; hija biċċa, biċċa ħobż, kisra ħobż, li nieħu minn ħobża. Dak li tesprimi l-kelma *klásis*

hija li l-Ewkaristija hija proċess u azzjoni ta' qsim li jibqa' jseħħ, li jibqa' jsir. Il-Qsim tal-Ewkaristija ma jintemm qatt. Għax l-Ewkaristija hija Ġesù li jinqasam, jiċċarrat, il-ħin kollu, biex jingħata għall-bnedmin. Hemm għotja li titlob kollox minn min jingħata, titlob il-qsim, il-mewt, sal-aħħar, ta' Dak li jingħata għalina. Ġesù, li l-ħin kollu jingħata għall-bnedmin. X'jifhem b'Ewkaristija Luqa? Nistgħu ngħidu li din hija l-pedament tat-tliet aspetti li nieħdu għalina minn dan ir-rakkont:

1) l-Ewkaristija: għajn tal-Kelma ta' Alla;

2) l-Ewkaristija: għajn ta' djakonija;

3) l-Ewkaristija: għajn ta' komunjoni.

### 1) L-Ewkaristija: għajn tal-Kelma ta' Alla.

Kieku l-mistoqsija li għadhom jagħmlu xi wħud illum, għax għadhom ma fehmux x'inhi l-Quddiesa, "jekk nidħol il-quddiesa fl-Evanġelju tgħoddli?", issir lil Luqa, kien iwieġeb bla tlaqliq: l-Ewkaristija hija l-Kelma ta' Alla li tieħu l-ġisem ta' Kristu Ġesù nnifsu!

Il-Kostituzzjoni Dommatika dwar ir-Rivelazzjoni Divina tal-Konċilju Vatikan II, *Dei Verbum*, tqabbel u kważi tidentifika l-Kelma ta' Alla mxandra fil-Liturġija u l-Ġisem ta' Kristu Ġesù fl-Ewkaristija. *Dei Verbum* #21: "Il-Knisja dejjem tat qima lill-Iskrittura Mqaddsa kif tat lill-istess Ġisem tal-Mulej billi qatt ma naqset, l-aktar fil-Liturġija mqaddsa, li tieħu l-għejxien bil-ħobż tal-ħajja mill-mejda tal-kelma ta' Alla u tal-Ġisem ta' Kristu, u tagħtih lill-fidili."

"*Divinas Scripturas* ***SICUT ET*** *ipsum Corpus dominicum semper venerata est Ecclesia, cum, maxime in sacra Liturgia, non desinat* ***EX MENSA*** *tam verbi Dei quam Corporis Christi panem vitae sumere atque fidelibus porrigere.*"

- "Kif" ("kif tat lill-istess Ġisem tal-Mulej") *SICUT ET* (fit-test bil-Latin) timplika paragun ta' żewġ elementi preċiżament l-istess.
- Il-Ħobż Ewkaristiku ma jissejjaħx *il-Ħobż tal-Preżenza* – bil-Lhudi *Léħem ħappanìm*", bħalma kien jissejjaħ il-ħobż fis-Santwarju/Tempju f'Eż 25, 30, imma bħala *Ħobż tal-Ħajja*, jiġifieri l-ħobż maqsum li "jingħata għalikom", li hu ħaj u li jagħti l-ħajja lil min jieklu, dak li hu maqsum fil-ġemgħa ta' dawk li jemmnu.
- Il-Knisja tieħu l-għejxien mill-*MEJDA* kemm tal-Kelma ta' Alla u kemm mill-Ġisem ta' Kristu (*Ex MENSA*, bil-Latin). Jekk id-*Dei Verbum* issejħilha l-mejda tal-Ġisem ta' Kristu, allura hija l-artal. Il-mejda tal-Kelma mhix imsejħa l-ambone jew il-pulptu jew il-leġiju, imma l-mejda/l-artal. Anke jekk l-ambone huwa grandjuż u rikk u stupend kif insibuh fil-bażiliċi Paljo-Kristjani. L-ambone, f'dawn il-bażiliċi, kont titla' għalih b'indana taraġ, li waqt li telgħin kienu

jkantaw tip ta' salmi jew innijiet imsejħa "Graduales", minn *gradus*, jiġifieri tarġa ... preċiżament "Salmi-tarġ". L-idea ta' dawn il-Gradwali, *Graduales*, kienet biex juru lill-fidili nsara waqt il-Liturġija li l-ħajja nisranija hija ħajja axxetika, hija *axxeżi*, tlugħ, mixja għat-telgħa, li n-nisrani għandu jdawwalha permezz tal-Kelma ta' Alla! Le, mhux il-każ kif *Dei Verbum* issejjaħ l-"artal tal-Kelma"; mhux ambone. Huwa artal mhux tarġ tiela' ... imma mejda li fuqha *toqgħod*, li turi stabilità, li madwarha wieħed joqgħod bilqiegħda/jimtedd flimkien mal-familja li hija msejħa flimkien (*ekklesía*) biex taqsam il-Ħobż flimkien.

Oriġene minn Alessandrija, fl-Eġittu (185–*ca*. 254), u għalhekk Kristjan tad-Djaspora, meta l-Insara bdew jixterdu mad-dinja minn Ġerusalemm kien ħeġġeġ lill-insara:

"Inti li int imdorri tieħu sehem fil-misteri divini, meta tirċievi l-Ġisem tal-Mulej, ara b'liema kura tħares dak il-Ġisem, b'devozzjoni u ġieħ mistħoqq, biex ma tħallix li xi biċċa mill-offerta taqa' fl-art! Għax inti temmen – u sewwa tagħmel – li tkun ħati jekk xi biċċa minnu taqa' fl-art minħabba n-nuqqas ta' attenzjoni jew it-traskuraġni tiegħek. Imma jekk inti attent daqstant biex tħares il-Ġisem tiegħu – u hekk għandek tagħmel – kif taħseb li tkun inqas ħati tal-Ġisem ta' Kristu, jekk bit-traskuraġni tiegħek ma tagħtix każ jew tittraskura l-Kelma tiegħu?! (*In Exodum homilia* 13.2)

Luqa juża teknika partikluari biex juri kif l-Ewkaristija hija għajn tal-Kelma. Ir-rakkont jimmarkah bi kliem differenti li għandu x'jaqsam ma' ħafna tipi ta' tkellim.

F'v.14 – juża l-verb *jitħaddtu bejniethom* (bil-Grieg *ħomíloun*) dwar dak li kien ġara. Meta ħadna l-kelma "omelija" minn dan il-verb Grieg qisna rridu ngħidu li jekk ma jkunx Hu, Kristu Ġesù mqajjem mill-mewt, li jfissrilna l-Iskrittura, diskorsna, anke l-iktar



wieħed mirqum, ikun biss tpaċpiċ bejnietna. Jekk min jisma' l-omelija ma jkollux l-attitudni fih li qed jisma' lil Kristu Ġesù jfissirlu l-Kelma li tħabbritlu, allura se jisma' biss tpaċpiċa. Kultant naħsbu li għax inżejnu diskorsna b'tant modi u nwarrbu s-simbolu tal-ambone u tas-sinjali u s-simboli tal-Liturġija, naħsbu li se nagħtu iżjed qawwa lill-Kelma ta' Alla. Inkunu ninsew li l-Kelma ta' Alla mħabbra waqt il-Liturġija għandha diġà minnha nfisha karattru sagramentali.

Fil-v.17 – il-verb *tgħidu bejnietkom* (bil-Grieg *antibállete*) huwa verb meħud mid-diskors, mill-*jargon*, tal-boxing fil-ġinnasji jew l-areni: tagħti daqqa u tfendi oħra; tagħti u taqla'. Meta ma jkunx Kristu Ġesù li qiegħed ifisser l-Iskrittura fil-ġrajja u l-esperjenza ħajja tal-persuna tiegħu nnifsu, allura nagħtu fil-vojt!

V.27 – issa huwa Ġesù nnifsu li "beda minn Mosè u l-Profeti kollha (jiġifieri, l-Iskrittura kollha) *jfissrilhom* (*diermēneusen* bil-Grieg) kull ma kien hemm fl-Iskrittura fuqu. Jekk mhux hu, jkun hemm tpaċpiċ, "boxing" fil-vojt; huwa hu li jista' jfisser il-Kelma ta' Alla.

Fil-v.32 – "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura? (il-Grieg *diēnoigen hēmìn tas grafàs*, letteralment ifisser jiftħilna l-kitbiet)." Bħalma jsir qabel it-tħejjija tal-offerti fuq l-artal: id-djaknu jew is-saċerdot jiftaħ il-korporal! Jispjega, ineħħi l-pjiegi tal-korporal, bħalma Ġesù jispjega l-Iskrittura lid-dixxipli. Imma issa huwa rxoxt, u jista' jagħmel dan issa li huwa rxoxt għax diġà kien fetaħ lilu nnifsu fuq is-salib, biex jaqsmilna l-Ħobż ta' Ġismu nnifsu u jagħtihulna, issa ħaj għal dejjem.

L-Ewkaristija: għajn tal-Kelma ta' Alla. Ma nistaqsux iktar jekk nidħlu fl-Evanġelju tgħoddx il-quddiesa! San Ġwann Eudes (li l-festa tiegħu nagħmluha mal-Knisja kollha fl-20 ta' Awwissu) kien jgħid li għal kull quddiesa trid 3 eternitajiet: eternità biex tħejji għaliha, eternità biex tiċċelebraha, eternità oħra biex tirringrazzja lil Alla għaliha!

## 2) L-Ewkaristija: għajn għall-qadi, għajn ta' djakonija.

Esdra u Neħemija f'Neħ 8, 10: wara li jsibu r-Romblu tal-Liġi u jaqrawha u jfissruha lill-poplu, u l-poplu jibki bil-ferħ, jintbagħtu d-dar biex jaqsmu mal-oħrajn dak li rċevew. Għedna fil-bidu li l-Ewkaristija ma tkunx Ewkaristija veru jekk ma tagħtiniex missjoni. Għax Ġesù dak li għamel fl-Ewkaristija: kien qaddej (mhux seftur), billi għamel għad-dispożizzjoni tagħna lilu nnifsu.

Id-djakonija tinħass bħala tema rikorrenti fir-rakkont ta' Għemmaws:

- iservihom billi jfissrilhom l-Iskrittura;
- jilqgħuh għandhom;
- hu jservihom il-Ħobż (ninnutaw li f'dan ir-rakkont ukoll għandna l-verbi li nsibu dejjem kulfejn hemm xi rakkont li huwa simbolu jew referenza għall-Ewkaristija: ħa, bierek, qasam u ta)

Issa San Pawl (li aktarx kien wara l-komunità ta' Luqa bħala tradizzjoni ta' tagħlim) iqis djakoniji l-ministeri kollha. Fil-Grieg *diakonía* hija servizz impenjattiv ħafna, servizz nobbli … tant li fl-Atti jindika s-servizz ta' dawk li huma magħrufa bħala s-seba' djakni!

Dan ifisser li Luqa (li kiteb ukoll l-Atti) ma jeskludix minn dawn id-*djakoniji* l-ħafna ministeri msemmija fit-Testment il-Ġdid (Ef 4,11-12 – "Ta lil xi wħud li jkunu appostli, lil xi wħud profeti, lil xi wħud evanġelisti, lil xi wħud rgħajja u mgħallmin: Hekk jitrawmu l-qaddisin għa*x-xogħol tal-ħidma* [bil-Grieg *érgon diakonías*] tagħhom għall-bini tal-Ġisem ta' Kristu"; 2Kor 5,18 – "Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru [bil-Grieg *tēn diakonían tēs katallagēs*] ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla")!

Għalhekk fil-kliem tal-Konsagrazzjoni, il-kliem fuq l-inbid (id-Demm tiegħi li jixxerred għalikom) jintemm bil-missjoni: "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi". Ġesù ried jgħid lil kull nisrani li jieħu sehem fl-Ewkaristija, li ħajtu trid tkun għotja sal-aħħar f'servizz/f'missjoni lill-oħrajn.

U għalhekk fi tmiem il-quddiesa, is-saċerdot jibgħat lill-ġemgħa mhux b'xi "il-ġurnata t-tajba"; jew "l-ikla t-tajba", jew "il-lejl it-tajjeb" imma b'"morru fil-paċi ta' Kristu". U l-paċi, ix-*xalòm* Biblika hija minnha nnifisha missjoni mogħtija lill-bnedmin biex jagħmlu mill-bnedmin l-oħra bnedmin sħaħ.

## 3) L-Ewkaristija: għajn ta' komunjoni

Iż-żewġ dixxipli ħarġu u tbiegħdu mill-komunjoni li toffri l-komunità. Imma meta Ġesù Rxoxt fissrilhom kif il-ħajja tiegħu kollha kienet twettiq sħiħ tal-pjan ta' Alla (imfisser minn "Mosè u l-Profeti"), u għarfuh fl-Ikla tal-Komunjoni, imbagħad reġgħu lura proprju minn fejn telqu, lejn il-komunità. U saru wkoll evanġelizzaturi ta' dik il-komunità, bix-xhieda li taw. Dak li qalu ż-żewġ dixxipli u dak li qalulhom l-Appostli huwa tħaddim ta' komunjoni, u fil-bażi tal-fidi li tgħaqqad il-komunità.

Ninnutaw ukoll li hekk kif iż-żewġ dixxipli għarfu lil Ġesù fil-Qsim tal-Ħobż, stqarrew: "Ma kinitx taħraqna qalbna huwa u jispjegalna l-Iskrittura?" Riedu jgħidu: "Kien imissna ħarqitna waqt li kien jispjegalna". Mimlija bil-ferħ tal-Evanġelju f'qalbhom, kontra d-diqa ta' qalb li kellhom meta telqu minn Ġerusalemm lejn Għemmaws, reġgħu lura lejn il-komunità. Ifisser ukoll li Ewkaristija u l-Kelma ma jistgħux jgħaddu mingħajr xulxin.

Dan kollu jfisser li l-Ewkaristija hija għajn għall-ministeri fil-komunità għax huma ministeri bbażati fuq il-Kelma ... dik imfissra u mwettqa minn Ġesù Kristu mqajjem mill-mewt, li jingħaraf fil-Qsim tal-Ħobż. Inħabirku biex isseħħ il-profezija ta' Amos: "Għad jiġi żmien, jgħid il-Mulej Alla, meta nibgħat ġuħ fuq l-art; mhux ġuħ għall-ħobż, jew għatx għall-ilma, imma għas-smigħ tal-kelma ta' Alla" (8, 11)





# IL-VANĠELI MOĦBIJA IMSEJĦIN APOKRIFI

***Frédéric Manns ofm***

***Studium Biblicum Franciscanum, Ġerusalemm***

*(Terrasanta,* ***Nuova serie Anno VI, Nro. 6, Nov-Dic 2011, 27-31)***

Meta f'Nazaret l-animaturi tal-pellegrinaġġi fl-Art Imqaddsa jirrakkontaw l-episodju tal-Annunċjazzjoni ta' Marija fejn il-Għajn tal-Madonna, huma jikkwotaw silta mill-*Protovanġelu ta' Ġakbu*, li jqiegħed l-ewwel dehra tal-anġlu proprju f'dan il-post fejn hemm l-Għajn tar-raħal ta' Nazaret. Fil-mużew ta' Nazaret, biex wieħed jispjega l-kapitelli medjevali tal-

kattidral tal-Kruċjati, wieħed spiss isemmi riferimenti mill-kitbiet Apokrifi. Fil-Medjuevu l-*Legenda aurea* tal-Verġni Marija kienet magħrufa ħafna u bosta skulturi fil-kattidrali jridu jiġu spjegati fid-dawl tal-letteratura Apokrifa. Meta wieħed iżur il-knisja tal-Familja Mqaddsa f'Nazaret irid bilfors isemmi l-Apokrifu intitolat *L-istorja ta' Ġużeppi l-mastrudaxxa*. Meta f'Ġerusalemm wieħed isemmi l-qabar ta' Adam taħt il-Kalvarju jirreferi għall-*Kombattiment ta' Adam* u għall-*Għar tat-Teżori*. Meta, fil-Wied tal-Kidron, wieħed jispjega l-ikona tad-Dormizzjoni hu inevitabbli li jirreferi għall-Apokrifu dwar id-*Dormizzjoni ta' Marija*. Fl-aħħarnett, biex wieħed jispjega l-fażijiet differenti tal-binja tat-Tempju, irid isemmi t-*Testment ta' Salamun*. Il-letteratura apokrifa fiha minjiera ta' dettalji. Kull meta joqrob il-Milied (billi ħafna minn dawn il-kitbiet jirreferu għat-twelid u t-tfulija ta' Ġesù), jixraq li wieħed jirrakkonta dak li jgħidu l-Vanġeli Apokrifi, għaliex dawn inkitbu, x'inhi d-differenza bejnhom u l-Vanġeli kanoniċi, liema hu l-ġeneri letterarju tagħhom, u kif irridu ninterpretawhom meta naqrawhom.

X'inhu Apokrifu? Il-kelma ġejja mill-Grieg *Apocrypha*, li tfisser "moħbi". Definizzjoni estensiva tista' tkun din li ġejja: Apokrifu hu kitba storika imma li mhijiex kanonika. Xi Apokrifi huma kitbiet aggadiċi (l-*aggadah* hi forma ta' narrazzjoni użata fit-*Talmud* u f'xi partijiet tal-liturġija ebrajka) li jikkummentaw l-Iskrittura. Xi drabi oħrajn dawn il-kitbiet jitnisslu mil-letteratura popolari.

Imma hemm diversi tipi ta' Apokrifi. Irridu niddistingwuhom skont minn fejn ġejjin. Hemm Apokrifi li huma ta' natura *injostika* (jiġifieri li jinbnew fuq duttrina filosofika li tgħallem li s-salvazzjoni tar-ruħ tiddependi minn forma ta' għarfien superjuri imdawwal mill-bniedem, mid-dinja u mill-univers), u t-teoloġija tagħhom hi mill-ewwel evidenti. Jeżistu Apokrifi Lhud-Insara ta' stil differenti ħafna. Insomma, il-Vanġeli Apokrifi jixhdu għall-evoluzzjoni tal-Kristjaneżimu tal-bidu, li kien pluralista kif kien il-Ġudajiżmu li minnu tnissel.

Għalkemm fuq livell storiku ma jgħidu xejn rilevanti fuq dak li diġà jaffermaw il-Vanġeli kanoniċi, dawn il-kitbiet jippermettulna li nosservaw it-twelid ta' xi tradizzjonijiet li kellhom influss fuq ir-reliġjożità popolari u fuq l-arti Kristjana. L-awturi tal-Apokrifi (li jibqgħu anonimi) riedu jimlew is-silenzji tal-Iskrittura, u għalhekk jisfruttaw l-okkażjoni biex iqiegħdu f'evidenza l-ideat tagħhom, li mhux dejjem jaqblu mad-duttrina ortodossa. Per eżempju, l-ebda wieħed mill-Vanġeli kanoniċi ma jsemmi li fit-twelid ta' Ġesù kien hemm preżenti l-ħmara u l-barri, u lanqas li Ġesù twieled f'għar. Dawn id-dettalji nsibuhom fil-Vanġeli Apokrifi.

Fost il-lista ta' kitbiet li twieldu fil-bidu tal-Kristjaneżimu (il-lista sħiħa ta' 27 Kotba tat-Testment il-Ġdid ġiet iffissata għall-ewwel darba minn Sant'Atanasju ta' Lixandra fis-sena 367 w.K.), kif wasalna biex nagħżlu biss erba' Vanġeli fil-kanoni tal-Iskrittura? Diġà qabel it-tmiem tat-2 seklu w.K., Sant'Irenew, isqof ta' Lyon, jafferma f'kitba ċelebri tiegħu li "billi d-dinja għandha erba' reġjuni u erbgħa huma l-irjiħat prinċipali ... il-Verb li ħalaq kollox ... tana Vanġelu f'erba' verżjonijiet, imma li hu magħqud ħaġa waħda mill-istess Spirtu" (*Adversus haereses*, III, 11, 8). Il-Knisja kienet diġà iddefiniet l-erba' kitbiet li kienu użati fil-liturġija. Għoxrin sena qabel Irenew, San Ġustinu wkoll jitkellem minn erba' Vanġeli jew mit-"tifkiriet tal-Appostli" li kienu jissemmew jew jinqraw matul iċ-ċelebrazzjonijiet ewkaristiċi. Wasalna għal din l-għażla permezz ta' proċess li fih l-Ispirtu s-Santu daħal jaħdem b'mod naturali. Kull meta kienet titferrex xi kitba li kienet tafferma xi ħaġa stramba, allura l-istess

insara, magħqudin mar-rgħajja tagħhom, kienu jikkritikaw kitbiet bħal dawn.

Għalkemm dawn il-kitbiet ġew skartati għax ma kinux jinkludu veritajiet divinament rivelati, xi Vanġeli Apokrifi waslu sa għandna (ukoll jekk xi drabi f'forma mhux kompluta): il-*Vanġelu Koptu ta' Tumas*; il-*Vanġelu ta' Pietru*, li fih id-deskrizzjoni tal-qawmien mill-imwiet ta' Ġesù; il-*Vanġelu ta' Marija*, li jattribwixxi rwol importanti lil Marija Maddalena u jqegħedha qabel l-appostli; il-*Vanġelu ta' Nikodemu*; il-*Vanġelu ta' Gamaljel*; il-*Vanġelu tal-Verità*; il-*Għerf ta' Gesù Kristu*; il-*Vanġelu skont Filippu*; il-*Vanġelu ta' Barnaba* u ħafna oħrajn. Fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżimu kienu jeżistu xi għoxrin Vanġeli li jitkellmu dwar Ġesù, li kienu l-aktar imxerrdin fost l-irħieb tas-Sirja u tal-Kappadoċja.

L-użu u t-tixrid tal-Vanġeli Apokrifi kienu varji. Jeħtieġ li niddistingwu dan it-tip ta' letteratura almenu f'żewġ kategoriji kbar. Hemm il-Vanġeli *Injostiċi*, partikolarment dawk li ġejjin minn Nag Hamadi, fl-Eġittu ta' Fuq, li żviluppaw fl-intern tal-moviment reliġjuż tal-Injostiċiżmu madwar it-2 seklu w.K. u li kienu kitbiet kontra l-Knisja Kattolika. Fost dawn il-kitbiet nistgħu nsemmu *Il-ktieb sigriet ta' Ġwanni, Id-Djalogu tas-Salvatur, Il-ktieb sigriet ta' Ġakbu, il-Vanġelu ta' Apelle, il-Vanġelu ta' Bardesane, il-Vanġelu ta' Basilide, il-Vanġelu ta' Ġuda, il-Vanġelu ta' Eva*. Skont il-*Vanġelu ta' Ġuda*, kitba tas-setta Injostika tal-Kajjiniti, it-tradiment ta' Ġuda ma kienx ħlief eżekuzzjoni ta' kmand li hu rċieva mingħand Ġesù, li kellu bżonn ta' tradiment biex jiffavorixxi l-kors tal-ġrajjiet tal-passjoni.

Dawn il-kitbiet huma xhieda ta' tentazzjoni li l-Knisja tal-bidu kienet taf biha: dik li tirreserva s-salvazzjoni għal grupp żgħir ta' persuni li kienu tgħallmu l-għarfien (*gnosis*). Hemm Vanġelu Injostiku li qajjem interess partikulari fost l-istudjużi: il-*Vanġelu ta' Tumas*, li hu magħmul minn 114 *logia* (kelmiet) attribwiti lil Ġesù. L-istudjużi jaqblu meta jaffermaw li l-*Vanġelu ta' Tumas* hu Vanġelu Injostiku li jippreżenta d-duttrini u l-orjentamenti ta' komunità li twieldet bħala ereżija fi ħdan il-Kristjaneżimu. Il-kitbiet Injostiċi ma jirrikonoxxux il-mewt ta' Ġesù fuq is-salib, għaliex l-unika salvazzjoni tiġi mill-*gnosis*, jiġifieri mill-għarfien, filwaqt li l-materja hi dejjem kawża ta' dnub jew marbuta max-xitan. Il-*Vanġelu ta' Tumas* jillimita ruħu li jġib il-kelmiet li suppost qal Ġesù mingħajr ma jdaħħalhom fin-narrazzjoni ta' dak li Ġesù jwettaq. L-istruttura tal-ġabra donnha tfakkar dik tal-għajn ipotetika użata għall-kompożizzjoni tal-Vanġeli Sinottiċi, imsejħa "Għajn Q".

Il-Vanġeli Apokrifi tat-tfulija gawdew minn ċerta fortuna ukoll fuq livell artistiku. Per eżempju, il-lokalizzazzjoni tat-twelid ta' Ġesù f'għar ġejja mill-*Protovanġelu ta' Ġakbu* filwaqt li l-preżenza tal-ħmara u

l-barri ħdejn il-maxtura ġejja mill-*Vanġelu tal-Psewdu-Mattew*. Xi wħud minnn dawn il-kitbiet Apokrifi jistgħu jiġu minn ambjenti Lhud-Insara. Fost dawn, barra l-*Protovanġelu ta' Ġakbu* li diġà semmejna, infakkru d-*Dormizzjoni ta' Marija*, l-*iStorja ta' Ġużeppi l-mastrudaxxa*, il-*Kombattiment ta' Adam* u l-*Għar tat-Teżori*. Billi jagħmlu rikors għall-ġeneru letterarju tal-*midrash aggadah*, dawn l-Apokrifi għandhom l-iskop li jwieġbu għal xi mistoqsijiet teoloġiċi li kienu jagħmlu l-ewwel insara, u li ma kenux isibu tweġiba għalihom fl-Iskrittura: Ġesù tfajjel kien Alla jew inkella kellu jistenna l-magħmudija biex jirċievi l-Ispirtu? L-għarfien tiegħu kien diġà divin jew kien sempliċement uman?

Il-Vanġeli Lhud-Insara, li kienu jintużaw mill-insara tal-ewwel sekli u li kienu marbutin mat-tradizzjoni reliġjuża Lhudija, sfortunament huma mitlufin. Waslilna xi ħjiel dwarhom biss permezz ta' xhieda indiretti u okkażjonali li jiġu forniti minn xi Missirjiet tal-Knisja. Xi elementi tal-*Vanġelu tal-Ebjoniti*, tal-*Vanġelu tan-Nazzareni* u tal-*Vanġelu tal-Lhud* huma kkwotati minn Missirijiet il-Knisja, imma mhux b'mod sħiħ.

L-insara ta' oriġini mhux Lhudija kienu wkoll jafu bl-Apokrifi. Xi narrazzjonijiet saru attribut rikorrenti f'bosta raffigurazzjonijiet artistiċi tal-ħajja ta' Ġesù u tal-persuni qrib tiegħu, kif inhuma deskritti fil-Vanġeli. Dawn ir-raffigurazzjonijiet kienu aċċettati fis-santwarji, mingħajr ma kienu jipprovokaw diskussjonijiet duttrinali. Diversi kitbiet



Apokrifi ġew miktubin lejn nofs it-tieni seklu, jew fis-sekli li ġew wara, meta x-xhieda diretti tal-ħajja u tal-predikazzjoni ta' Ġesù kienu għabu mix-xena. Imma l-kompożizzjoni tal-Vanġeli kanoniċi tmur lura għall-1 seklu, meta x-xhieda tal-appostli kienet ħafna aktar ħajja.

Il-Vanġeli Apokrifi tat-tfulija juru d-dettalji li għandhom x'jaqsmu mat-tfulija ta' Ġesù, u li mhumiex magħrufin għaliex il-Vanġeli kanoniċi jisktu dwarhom. Jippreżentaw stil mirakoluż li xi mindaqqiet jasal għal elementi maġiċi, u f'dan huma f'kuntrast mal-mod aktar sempliċi u kalm tal-erba' Vanġeli kanoniċi. Huma karatterizzati wkoll minn nuqqas ta' preċiżjoni ta' natura storika u ġeografika, li jxejnu l-valur storiku tal-avvenimenti li huma rrakkontati. L-ebda waħda minn dawn il-kitbiet ma tidher f'xi manuskritt bibliku jew fil-listi antiki tal-kitbiet kanoniċi li huma meqjusin bħala ispirati.

Il-*Protovanġelu ta' Ġakbu*, attribwit lil San Ġakbu, skont ħafna studjużi ġie minn Lixandra tal-Eġittu u jirrakkonta t-twelid mirakoluż ta' Marija, it-tfulija tagħha fit-Tempju, iż-żwieġ tagħha ma' Ġużeppi, u mbagħad it-twelid ta' Ġesù. Il-*Vanġelu tat-tfulija ta' Tummas appostlu*, li nkiteb f'nofs it-2 seklu, jirrakkonta l-mirakli li wettaq Ġesù sa ma kellu 12-il sena. Hu magħruf ħafna l-episodju li fih Ġesù joħloq għasafar tat-tafal u mbagħad jikkmandhom biex itiru. Meta kien għadu tifel, il-Messija kien diġà kapaċi li jagħmel mirakli. Il-*Vanġelu tal-Psewdu-Mattew*, miktub bil-Latin fit-8 seklu, ifakkar it-twelid ta' Marija, it-tfulija tagħha fit-Tempju. Fl-iskola t-tfajjel Ġesù jidher aktar intelliġenti mill-imgħallem tiegħu. Mill-ġdid l-awtur jiddefendi d-divinità tat-tfajjel Ġesù u jagħmel dan b'ħafna provi. Il-*Vanġelu Għarbi tat-Tfulija*, li hu wkoll tas-seklu 8, jirrakkonta t-twelid ta' Ġesù, il-ħarba fl-Eġittu u l-mirakli li Ġesù jwettaq minn meta kellu ħames snin sa tnax. Il-*Vanġelu Armen tat-Tfulija*, li hu ta' redazzjoni tardiva, ukoll jirrepeti dawn it-tradizzjonijiet. Il-*Ktieb dwar it-twelid ta' Marija* tradott minn San Ġilormu, barra mit-twelid mirakoluż ta' Marija jitkellem ukoll dwar it-twelid ta' Ġesù.

Wieħed ta' spiss jistaqsi jekk il-Vanġeli Apokrifi għandhomx fihom xi verità. Il-*Protovanġelu ta' Ġakbu*, attribwit lil Ġakbu iben Joses, iqiegħed per eżempju l-objettiv li jwieġeb għall-mistoqsija dwar l-identità tal-aħwa ta' Ġesù. Kellu influss fit-tradizzjoni u fl-ikonografija, hekk li l-isem tal-ġenituri ta' Marija, San Ġwakkin u Sant'Anna, nafuhom minn din il-kitba. Quddiem is-sempliċità tal-Vanġeli kanoniċi li jirrakkontaw realtajiet soprannaturali b'mod "naturali", l-Apokrifi għandhom il-limiti li jwieġbu għax-xewqat tal-poplu Kristjan, u joffrulu dettalji partikulari bl-iskop li jevidenzjaw aspetti u ġrajjiet tat-tfulija ta' Ġesù u Marija. Fil-fatt dawn il-kitbiet joffru xbieha ta' Ġesù li ma taqbilx mar-realtà, kif jiġri fil-każ tal-*Vanġelu tat-tfulija ta' Tumas* li hu mimli mirakli.

L-importanza tal-Apokrifi tinsab f'dan: huma xhieda tal-iżvilupp tal-Kristjaneżimu, li mmatura wkoll bis-saħħa tal-laqgħa (u wkoll il-firda) bejn bosta kurrenti teoloġiċi u reliġjużi. L-awtur tal-Ittra lil-Lhud 13,9 joffri dan il-parir lill-Insara: "Tħallux li toħorġu 'l barra mit-triq b'tagħlim xorta oħra u barrani."

Fl-istudju tal-Apokrifi wieħed irid juża b'mod rigoruż il-metodu storiku-kritiku li jiġi użat għal kitbiet oħrajn bibliċi. Billi l-Apokrifi għandhom abbundanza ta' simboli, hu fundamentali li wieħed jipprova jinterpretahom. Dan hu mod utli anke għall-arkeoloġija, li ma tistax tinjora l-analiżi ta' dawn l-għejun letterarji tal-istess żmien tal-fdalijiet li tistudja.

## Ġedded l-Abbonament Tiegħek

# L-ART Imqaddsa
RIVISTA BIBLIKA

# Tiġdid
## L-Art Imqaddsa
## 2012




# ABBONAMENT:
## €10 fis-sena
## €15 jew aktar Sostenitur

Toħroġ kull 3 xhur

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1213
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

*Jekk irċevejt ir-Rivista b'xejn għaliex ġejt l-Art Imqaddsa mal-Franġiskani, ħallas l-abbonament biex tkompli tirċiviha.*

Kunjom ____________________

Isem ____________________

Indirizz ____________________

____________________

____________________

Kodiċi Postali ____________________

Qed nibgħat € ____
bħal abbonament għall-2012

# Fl-Art Imqaddsa mal-Franġiskani - 2012




## 20 Mejju - 28 Mejju

## 15 Lulju - 23 Lulju

***Pellegrinaġġ immexxi minn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona OP***

## 5 Awwissu – 13 Awwissu

## 2 Settembru – 10 Settembru

## Art Imqaddsa u Sinaj

## 4 Novembru – 14 Novembru

## Art Imqaddsa u Ġordan

## 9 April – 19 April

**Ikteb jew ċempel:**
**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt